# Dak li l-Aktar Jolqot lill-Persuni b'Diżabilità u l-Familji Tagħhom

## Daħla mill-Onorevoli Dolores Cristina, Ministru għall-Familja u Soċjali

*Huwa ta' pjaċir għalija li ġejt mistiedna biex nagħmel id-daħla għal dan l-istudju xjentifiku li jħares b'mod oġġettiv lejn is-sitwazzjoni attwali tal-persuni b'diżabilità u l-familji tagħhom f'pajjiżna.*

L-ewwelnett dan l-istudju sar bi sħab bejn il-Kumissjoni Nazzjonali tal-Persuni b'Diżabilità u l-Uffiċċju Nazzjonali tal-Istatistika. Din il-kollaborazzjoni tassigura li l-qasam tad-diżabilità jiġi studjat fuq l-istess livell li jiġu studjati oqsma oħra ta' importanza li għandna f'pajjiżna. Dan ikompli jikkonferma l-filosofija ta' mainstreaming li ġiet introdotta mill-gvern fil-qasam tad-diżabilità, fost l-oħrajn.

It-tieni raġuni hija dik li dan l-istudju jħares lejn firxa wiesgħa ta' aspetti li jolqtu l-ħajja ta' kull wieħed u waħda minna, b'fokus speċjali fuq il-persuni b'diżabilità. Dan l-istudju jħares lejn xejn inqas minn tmien dimensjonijiet essenzjali li jinkludu d-dħul finanzjarju, il-ħajja familjari, l-edukazzjoni, ix-xogħol, is-saħħa, l-aċċess għall-informatika, l-inklużjoni soċjali u l-aċċess għal diversi servizzi li jipprovdi l-Gvern. F'diversi tabelli li jinstabu f'dan l-istudju wieħed jista' b'faċilità jqabbel ir-riżultati ta' dan is-servej ma' statistiċi li l-Uffiċċju Nazzjonali tal-Istatistika ppubblika f'servejs oħra fuq bażi nazzjonali. Dan jgħin bil-bosta biex, fil-proċess tal-formulazzjoni tal-politika għal dan is-settur, jiġu ffisati bench-marks u miri f'dan il-qasam.

Raġuni oħra hija dik li dan l-istudju rnexxielu jżewweġ il-fatti oġġettivi mal-perċezzjoni u x-xewqat tal-persuni b'diżabilità u l-familjari tagħhom. Dan il-metodu jkompli jgħinna biex filwaqt li napprezzaw dak li ksibna diġà, jagħtina ħjiel ċar tad-direzzjoni li rridu nkomplu mexjin fiha.

Nixtieq issa nislet xi aspetti li laqtuni f'dan l-istudju.

L-impressjoni ġenerali li ħadt hija waħda pożittiva. Meta tqis minn fejn tlaqna u fejn wasalna, wieħed żgur għandu għalfejn ikun sodisfatt. Dan kien żgur grazzi għax-xogħol fejjiedi ta' diversi individwi u organizazzjonijiet, kif ukoll għall-introduzzjoni tal-Liġi Opportunitajiet Indaqs (Persuni b'Diżabilità).

Dan joħroġ b'mod speċjali f'dak li għandu x'jaqsam ma' persuni b'diżabilità żgħażagħ. Minn ras għal ras, dawn il-persuni jidher li qegħdin jibqgħu żmien itwal f'xi istituzzjoni edukattiva u qed ikollhom aċċess akbar għat-teknoloġija ta' informatika. Dan żgur li jawgura tajjeb ħafna għall-futur.

Il-maġġoranza l-kbira ta' dawk intervistati wkoll esprimew ruħhom sodisfatti għas-servizz li qed jiċievu mis-settur pubbliku. Dan jinkludi s-servizz tas-saħħa, is-servizzi soċjali, inklużi s-servizzi speċjalizzati għal persuni b'diżabilità, u l-Kummissjoni Nazzjonali għal Persuni b'Diżabilità nnifisha.

Fatt ieħor pożittiv huwa dak li kienu biss ftit aktar minn 4% ta' dawk intervistati li qalu li jgħixu f'xi istituzzjoni residenzjali. Dan ifisser li, grazzi għall-appoġġ li għadha tagħti l-familja Maltija u s-servizzi li qed tipprovdi

l-bqija tas-soċjetà (inkluż l-istat), il-maġġoranza assoluta tal-persuni b'diżabilità għadhom jgħixu fil-komunità.

Minkejja dawn il-fatti li għadni kif semmejt, l-istudju jippreżentalna ċerti sfidi li tajjeb li nindirizzaw fil-futur.

Dan l-istudju jissuġġerixxi bidla fil-mod kif għandhom jingħataw ċerti servizzi soċjali lil persuni b'diżabilità. Numru ta' nies li ġew intervistati, l-aktar dawk żgħażagħ, jistqarru li jixtiequ li jkollhom aktar għażla dwar x'tip ta' servizzi jixtru. Din l-espressjoni fiha nnifisha hija turija ta' kemm il-persuni b'diżabilità qegħdin isiru aktar konxji mid-drittijiet tagħhom u kif huma nnifishom qegħdin dejjem aktar jiddeċiedu x'għandu jkollu prijorità kemm fil-ħajja personali tagħhom kif ukoll fis-settur tad-diżabilità in ġenerali.

Sfortunatament, dan jikkuntrasta b'mod qawwi mal-fatt li 15% biss irrappurtaw li huma membri ta' xi għaqda mhix governattiva li taħdem fil-qasam tad-diżabilità. Kif kulħadd jaf il-parteċipazzjoni f'għaqdiet bħal dawn hija essenzjali sabiex wieħed iwassal il-vuċi tiegħu u għalhekk jien personalment nixtieq inħeġġeġ aktar persuni b'diżabilità sabiex jipparteċipaw b'mod attiv f'dawn l-għaqdiet.

Fattur ieħor li laqatni kien dak li, b'mod ġenerali, persuni b'diżabilità nisa jidher li qed igawdu ħajja ta' kwalità inqas mill-irġiel. Kien għalhekk li, fil-Pjan Nazzjonali Favur l-Inklużjoni Soċjali, ħafna mill-miri huma marbuta mat-titjib tal-qagħda tal-mara irrispettivament jekk hix b'diżabiltà jew le. L-għan wara dawn il-miri hu li nassiguraw li jkollna soċjetà aktar inklussiva fejn il-valur tal-persuna jitqies mhux a bażi tas-sess jew l-abilità tiegħu jew tagħha iżda fuq id-dinjità ta' persuna umana.

Fl-aħħarnett nixtieq nagħlaq dawn il-kelmtejn tiegħi billi nirringrazzja mhux biss lill-Kummissjoni Nazzjonali Persuni b'Diżabilità u l-Uffiċċju Nazzjonali ta' l-Istatistika għal dan l-istudju siewi li qed jippreżentawlna iżda fuq kollox lil dawk kollha li pparteċipaw fih. Il-kontribut tagħkom żgur għen biex il-vuċi tagħkom, u ta' oħrajn bħalkom, tasal biex tħalli l-frott mixtieq.

**DOLORES CRISTINA**
Ministru għall-Familja u s-Solidarjetà Soċjali

# Introduzzjoni

*Matul dawn l-aħħar sbatax-il sena li fihom ilha tiffunzjona l-Kummissjoni Nazzjonali Persuni b'Diżabilità (KNPD), il-pjanijiet ta' ħidma tagħha dejjem tfasslu skond dak li jgħidu l-persuni b'diżabilità u l-familji tagħhom li jkollhom kuntatt mal-KNPD, kif ukoll l-għaqdiet volontarji li jaħdmu f'dan is-settur.*

Fl-2003, fl-okkazjoni tas-Sena Ewropea tal-Persuni b'Diżabilità, il-KNPD bdiet taħditiet mal-Uffiċċju Nazzjonali tal-Istatistika (NSO) biex isir studju xjentifiku dwar dak li l-aktar jolqot lill-persuni b'diżabilità u l-familji tagħhom. Dan is-servej jagħti stampa aktar ċara tax-xewqat, aspetattivi u aspirazzjonijiet tal-persuni b'diżabilità kif ukoll tad-diffikultajiet li jiltaqgħu magħhom.

Ta' min wieħed jgħid li l-enfasi ta' dan is-servej hi fuq l-aspett soċjali tad-diżabilità, fuq kemm il-persuni b'diżabilità jħossu li huma inklużi fis-soċjetà, l-opportunitajiet li għandhom, id-diffikultajiet u l-ostakli li jiltaqgħu magħhom, li ħafna minnhom huma maħluqa minn setturi differenti tas-soċjetà, u dawk l-affarijiet li huma jixtiequ li jaraw jinbidlu. Fi kliem ieħor, is-servej hu bbażat fuq il-mudell soċjali tad-diżabilità li jħares lejn id-diżabilità bħala fenomenu maħluq minn attitudni li ma tirrikonoxxix id-drittijiet ta' dawk li għandhom nuqqas fiżiku, tas-sensi jew mentali[1].

Il-KNPD fit-tfassil ta' dan il-kwestjonarju kkonsultat lill-persuni b'diżabilità u membri tal-familji tagħhom biex tkun aktar ċerta li qed issir taf verament x'inhu dak li jolqothom.

Il-persuni li ħadu sehem f'dan is-servej qegħdin kollha fir-Reġistru tal-Persuni b'Diżabilità li żżomm il-KNPD. Dawk li ħadu sehem f'dan is-servej intgħażlu bil-polza minn dan ir-Reġistru. B'kollox intgħażlu 717-il persuna li minnhom aċċettaw li jieħdu sehem 599. Dan ifisser li r-rata ta' rispons kienet ta' 83.5%. Dawn il-599 persuna jirrappreżentaw 8% tal-persuni rreġistrati mal-KNPD u minnhom 55.8% kienu rġiel jew subien u 44.2% kienu nisa jew bniet.

1 Ara Defining Disability (The Union of the Physically Impaired Against Segregation and The Disability Alliance: Fundamental Principles of Disability, London, Union of the Physically Impaired Against Segregation, 1976).

**Tabella 1**
L-etajiet kienu mqassmin kif ġej:

| Kemm għandek età? | % |
|---|---|
| 0-19-il sena | 15.1 |
| 20-59 sena | 43.7 |
| 60+ sena | 41.2 |
| Total | 100.0 |

**Tabella 2**
It-tipi ta' diżabilità huma mqassma kif ġej:

| X'inhi n-natura tad-diżabilità? | % |
|---|---|
| Nuqqas ta' dawl | 4.0 |
| Nuqqas ta' smigħ | 5.5 |
| Nuqqas fiżiku | 49.7 |
| Nuqqas intellettwali | 5.3 |
| Nuqqas ta' saħħa mentali | 10.4 |
| Aktar minn nuqqas wieħed | 25.0 |
| Total | 100.0 |

**Tabella 3**

Staqsejna lill-parteċipanti dwar is-severità tad-diżabilità tagħhom.

| X'inhi is-severità tad-diżabiltà? | % |
|---|---|
| Nuqqas ħafif | 9.2 |
| Nuqqas moderat | 36.7 |
| Nuqqas sever | 53.8 |
| L-ebda risposta | 0.3 |
| Total | 100.0 |

**Tabella 4**

Mistoqsija oħra kienet dwar meta bdiet id-diżabilità.

| Meta bdiet id-diżabilità? | % |
|---|---|
| Mit-twelid | 25.4 |
| 0-19-il sena | 19.1 |
| 20-59 sena | 32.5 |
| 60+ sena | 22.5 |
| L-ebda risposta | 0.5 |
| Total | 100.0 |

**Tabella 5**

Fl-aħħarnett, il-persuni li ħadu sehem fl-istħarriġ joqogħdu f'dawn il-partijiet ta' Malta:

| F'liema lokalità toqogħod? | % |
|---|---|
| Port (Nofsinhar) | 23.4 |
| Port (Tramuntana) | 31.2 |
| Xlokk | 12.5 |
| Punent | 12.4 |
| Tramuntana | 11.0 |
| Għawdex u Kemmuna | 9.5 |
| Total | 100.0 |

Hu interessanti l-fatt li l-ammont ta' persuni li twieldu b'diżabilità hu qrib l-ammont ta' persuni li kellhom diżabilità wara s-60 sena. Hemm idea żbaljata li persuni li huma anzjani u li jkollhom nuqqas, tas-sensi jew mentali ma humiex persuni b' diżabilità.

Il-KNPD u l-NSO ħadu passi sabiex, fejn hu possibbli, il-kwestjonarju jirrisponduh il-persuni b'diżabilità nfushom u jirrispondi xi ħadd minflokhom biss meta ma jkunx jista' jsir mod ieħor. Sabiex dan iseħħ, l-intervisti mal-persuni neqsin mis-smigħ saru minn persuni li jikkomunikaw bil-Lingwa tas-Sinjali Maltija u dawk ma' persuni b' diżabilità intellettwali saru minn persuni li jaħdmu fis-Servizzi ta' Matul il-Jum tal-Persuni b'Diżabilità. Insibu li b'kollox 66.3% tal-persuni b'diżabilità rrispondew il-mistoqsijiet huma stess filwaqt li 33.7% wieġbu għalihom membri tal-familja jew persuni oħra li jafuhom.

# Dħul Finanzjarju



*Il-kwalità tal-ħajja ta' kuljum tal-persuni b'diżabilità hi marbuta fil-qrib mal-qagħda finanzjarja tagħhom. Kif nistgħu naraw minn Tabella 6, id-dħul nett fix-xahar tal-persuni li għandhom sittax-il sena jew aktar li ħadu sehem fl-istħarriġ hu jew xejn jew baxx ħafna.*

## Tabella 6

### Xi dħul nett għandek fix-xahar?

| | Total % | Sess % | | Età % | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | | Irġiel | Nisa | 16-19 | 20-59 | 60+ |
| Xejn | 14.6 | 4.9 | 26.1 | 6.3 | 13.7 | 16.1 |
| Inqas minn Lm200 | 50.8 | 50.5 | 51.0 | 87.5 | 58.0 | 40.7 |
| Lm200 - Lm299 | 20.9 | 28.4 | 12.0 | 6.3 | 13.4 | 29.8 |
| Lm300 - Lm399 | 8.2 | 11.2 | 4.6 | 0.0 | 8.8 | 8.1 |
| Lm400 - Lm499 | 1.7 | 2.1 | 1.2 | 0.0 | 2.3 | 1.6 |
| Lm500 - Lm599 | 0.6 | 0.4 | 0.8 | 0.0 | 0.8 | 0.4 |
| Lm600 - Lm699 | 0.2 | 0.4 | 0 | 0.0 | 0.4 | 0.0 |
| Lm 700+ | 0.2 | 0.4 | 0 | 0.0 | 0.4 | 0.0 |
| L-ebda risposta | 2.9 | 1.8 | 4.1 | 0.0 | 2.3 | 3.2 |
| Total | 100.0 | 100.0 | 100.0 | 100.0 | 100.0 | 100.0 |

Madwar 15% ma għandhom l-ebda dħul filwaqt li nofshom idaħħlu inqas minn Lm200 fix-xahar, jiġifieri Lm40 inqas mill-paga minima nazzjonali. Aktar minn terz ta' dawn il-persuni jirċievu l-pensjoni tal-persuni b'diżabilità, kif indikat f'Tabella 7. Dan aktarx ifisser dipendenza qawwija fuq il-familji tagħhom.

## Tabella 7

### Tirċievi l-pensjoni tad-diżabiltà?

| | Total % | Sess % | | Età % | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | | Irġiel | Nisa | 16-19 | 20-59 | 60+ |
| Iva | 37.1 | 40.0 | 33.6 | 81.3 | 59.2 | 10.9 |

## Tabella 8

### Il-kundizzjoni fiżika/mentali tiegħi għamlet differenza

| | Fl-infiq tiegħi personali % | Fl-infiq tal-familja tiegħi % |
|---|---|---|
| Jaqblu | 73.9 | 69.6 |
| Ma jaqblux | 15.4 | 20.8 |
| Newtrali | 8.1 | 7.1 |
| L-ebda risposta | 2.6 | 2.5 |
| Total | 100.0 | 100.0 |

Minbarra li l-persuni b'diżabilità għandhom tendenza li jkollhom dħul baxx, huma jħossu li d-diżabilità għamlet differenza fl-infiq personali tagħhom u f'tal-familja tagħhom ukoll.

Fi studju ieħor li sar mill-ETC fl-2003 ma' persuni b'diżabilità, minn dawk intervistati li qalu li jaħdmu, 71% jaqilgħu inqas minn Lm350 fix-xahar[2]. Fl-istudju li għamel Gordon Cordina, instab li d-dħul ta' familji fejn hemm persuni b'diżabilità hu 5% inqas minn ta' dawk fejn ma hemmx persuni b'diżabilità[3]. Iċ-ċifri huma bbażati fuq il-Household Budgetary Survey li sar mill-NSO fl-2000. Dawn iċ-ċifri juru li hemm id-doppju ta' familji fejn hemm persuni b'diżabilità li jiddependu mid-dħul mis-sigurtà soċjali milli hemm familji fejn ma hemmx persuni b'diżabilità. Barra minn hekk, il-persuni b'diżabilità u l-familjari tagħhom jonfqu anqas flus minn persuni oħra. Kif jgħid Cordina, dan jista' jkun minħabba li jħossu l-bżonn li jġemmgħu għall-futur.

Il-persuni b'diżabilità jkollhom ukoll spejjeż li huma relatati mad-diżabilità tagħhom. F'dan is-servej huma ġew mistoqsija dwar l-ispejjeż li għandhom għal assistenza personali jew għas-servizz tal-interpretu tal-lingwa tas-sinjali. Minn Tabella 13 u 14 f'Sezzjoni 'Il-Ħajja tal-Familja', naraw li numru sostanzjali ta' persuni b'diżabilità, speċjalment dawk ta' età żgħira, iħallsu għal dawn it-tipi ta' servizzi, filwaqt li numru izgħar jiddependu minn assistenza mhix imħallsa.

**Minn dawn iċ-ċifri joħorġu dawn il-fatti:**

- **Hemm madwar 15% tal-persuni b'diżabilità li ddikjaraw li ma għandhom l-ebda dħul finanzjarju u li din il-problema hi akbar fin-nisa milli fl-irġiel.**
- **Aktar minn nofs il-persuni b'diżabilità ddikjaraw li għandhom dħul ta' 17% anqas mill-paga minima nazzjonali.**
- **Il-maġġoranza assoluta tal-persuni b'diżabilità jħossu li d-diżabilità kellha effett fuq l-infiq tagħhom u tal-familja tagħhom.**

**Għalhekk nirrakkomandaw li issir:**
**Reviżjoni sħiħa tal-pensjoni tal-persuni b'diżabilità kemm fl-ammont tagħha kif ukoll fil-mod kif tingħata.**

2 Il-Persuni b'Diżabilità u x-Xogħol, proġett ta' riċerka mill-ETC ippreżentat f'Diċembru 2002
3 The Economic Dimensions of Independent Supported Living for People with Disability, KNPD 2003

# Il-Ħajja tal-Familja

*F'Malta, il-familja żgur li hi waħda mill-aktar aspetti importanti tal-ħajja ta' kull persuna. Iċ-ċokon ta' pajjiżna u l-kultura tagħna jkomplu jżidu fl-importanza tal-ħajja tal-familja. Dan jgħodd ukoll għall-persuni b'diżabilità li minn dan is-servej joħroġ ċar li għandhom irbit sod mal-familji tagħhom.*



## Tabella 9

**X'inhu l-istat tiegħek?**

| | Dan l-istħarriġ % | Popolazzjoni ġenerali[4]? |
|---|---|---|
| Taħt is-16 il-sena | 12.0 | 21.2 |
| Qatt ma żżewġu | 31.2 | 24.9 |
| Miżżewġa | 43.1 | 47.7 |
| Separati | 3.8 | 1.7 |
| Romol | 9.8 | 4.5 |
| Total | 100.0 | 100.0 |

## Tabella 10

**Qatt ma żżewiġt?**

| | Total % | Nisa % | Irġiel % |
|---|---|---|---|
| 16-19 | 9.1 | 5.6 | 12.2 |
| 20-59 | 74.3 | 71.9 | 76.5 |
| 60+ | 16.6 | 22.5 | 11.2 |
| Total | 100.0 | 100.0 | 100.0 |

Meta nqabblu ċ-ċifri tal-istat taż-żwieġ tal-persuni li ħadu sehem fis-servej ma' dawk nazzjonali, insibu li hemm aktar persuni b'diżabilità li qatt ma żżewġu, li huma separati u li romlu, u li hemm inqas li huma miżżewġa (Tabella 9). Minkejja dan, il-biċċa l-kbira tal-persuni b'diżabilità jgħixu ma' membri tal-familja (Tabella 11). Jista' jkun li minn dawn, hemm persuni li jgħixu ma' membri tal-familja minħabba li m'għandhomx alternattiva oħra, speċjalment peress li hu diffiċli għalihom li jgħixu waħedhom mingħajr assistenza. Ċifra ftit inspjegabbli hi dik tal-persuni b'diżabilità li jgħixu weħidhom li hi ogħla sostanzjalment minn dik irreġistrata fil-popolazzjoni ġenerali.

4 Ċifri tal-popolazzjoni ġenerali pprovduti mil-Labour Force Survey ( Diċembru 2003) tal-NSO

Ir-rabta li hemm bejn il-persuni b'diżabilità u l-familji tagħhom toħroġ ukoll fl-opinjoni li esprimew li d-diżabilità ħalliet effett fuq il-ħajja tal-persuni b'diżabilità u tal-familji tagħhom (Tabella 12). Huma ħassew li kien hemm aktar differenza fil-ħajja tagħhom milli tal-familja tagħhom. Ta' min jgħid li din id-differenza mhux bilfors hi waħda negattiva. Persuni b'diżabilità u membri tal-familja tagħhom isostnu li l-preżenza ta' nuqqas fiżiku jew mentali, għalkemm ġabet magħha ħafna diffikultajiet, serviet ukoll biex il-familja tikber flimkien. Eżempju ta' dan hu l-artiklu ta' Marcel Pisani "Ħolm, Tbatija, Tama u Fidi"[5].

### Tabella 11

| Fejn toqgħod? | Dan l-istħarriġ % | Popolazzjoni ġenerali[4]? |
|---|---|---|
| Waħedhom | 11.2 | 6.0 |
| Mal-familja | 83.1 | 94.0 (Mal-familja + F'istituzzjoni + Post ieħor) |
| F'istituzzjoni | 4.4 | |
| Post ieħor | 1.1 | |
| L-ebda risposta | 0.2 | 0.0 |
| Total | 100.0 | 100.0 |

### Tabella 12

| Il-kundizzjoni fizika/mentali tiegħi għamlet differenza | Fil-ħajja tiegħi personali % | Fil-ħajja tal-familja tiegħi % |
|---|---|---|
| Jaqblu | 91.0 | 81.5 |
| Ma jaqblux | 5.1 | 13.8 |
| Newtrali | 2.3 | 2.9 |
| L-ebda risposta | 1.6 | 1.8 |
| Total | 100.0 | 100.0 |

F'Tabelli 13 u 14, iċ-ċifri ta' dawk li jiddependu minn membri tal-familja hu għoli u akbar mill-ammont ta' persuni li joqogħdu ma' membri tal-familja. Dan aktarx ifisser li anke dawk il-persuni b'diżabilità li jgħixu għal rashom isibu sapport mill-familji tagħhom. Aktar ma huma żgħar il-persuni b'diżabilità, aktar isibu sapport u assistenza minn sorsi differenti, filwaqt li l-anzjani jiddependu ħafna mill-membri tal-familja tagħhom. L-uniċi kategoriji fejn ma hemmx daqshekk disparità bejn l-etajiet huma dawk tas-sapport/assistenza personali bi ħlas u s-sapport mill-Knisja. Fil-bqija, l-anzjani jsibuha ftit aktar diffiċli li jkollhom sapport jew assistenza personali minn social workers jew il-KNPD. Minħabba n-natura tax-xogħol tas-social workers, wieħed irid jistaqsi wkoll għaliex hemm persentaġġ żgħir ta' persuni li jirrikorru għandhom għall-għajnuna. F'dak li għandu x'jaqsam ma' sapport jew assistenza minn persuni b'diżabilità oħra jew familjari tagħhom jew minn persuni oħra fuq bażi volontarja, l-anzjani huma l-anqas li jiġu megħjuna.

5 Pisani, Marcel (2001): 'Ħolm, Tama, Tbatija u Fidi', Familjakana, Ġunju 2001. pp. 18-21

## Tabella 13

**Meta jkollok problema, int issib sapport mingħand:**

| Età | 0-19 % | 20-59 % | 60+ % | Total % |
|---|---|---|---|---|
| Familja | 91.0 | 91.2 | 93.1 | 92.0 |
| Persuni b'diżabilità | 23.6 | 19.1 | 5.6 | 14.2 |
| Familji ta' per. b'diżabiltà | 46.1 | 23.7 | 5.6 | 19.5 |
| NGO | 40.4 | 20.2 | 10.9 | 19.4 |
| Il-Knisja | 37.1 | 26.7 | 24.2 | 27.2 |
| Sapport bi ħlas | 40.4 | 24.4 | 27.8 | 28.2 |
| Sapport volontarju | 29.2 | 24.8 | 12.5 | 20.4 |
| KNPD | 55.1 | 43.5 | 21.4 | 36.1 |
| Social Worker | 30.3 | 16.8 | 8.5 | 15.4 |

## Tabella 14

**Meta jkollok bzonn assistenza personali jew interpretu, int issib għajnuna mingħand:**

| Età | 0-19 % | 20-59 % | 60+ % | Total % |
|---|---|---|---|---|
| Familja | 83.1 | 86.6 | 87.5 | 86.8 |
| NGO | 30.3 | 13.4 | 9.3 | 14.2 |
| Sapport bi ħlas | 31.5 | 20.6 | 22.2 | 22.9 |
| Sapport volontarju | 24.7 | 19.5 | 7.7 | 15.4 |
| Kollegi skola/ xogħol | 27.0 | 16.0 | | 11.9 |
| Lesti li jħallsu | 52.8 | 40.1 | 36.3 | 40.4 |

Barra minn hekk, il-persuni b'diżabilità ta' kull età jsibu sapport kbir mill-familji tagħhom, kemm meta jkollhom xi problema kif ukoll meta jkollhom bżonn xi assistenza.

Is-sapport tal-familja żgur li hu imprezzabbli u importanti ħafna għall-persuni li ħadu sehem fis-servej. Din hi xi ħaġa pożittiva speċjalment fil-kuntest Malti fejn ir-rabta mal-familja hi ġeneralment waħda soda għall-popolazzjoni kollha. Fl-istess ħin, hu importanti li s-soċjetà in ġenerali, u dawk li jagħmlu l-policies, jieħdu d-deċizjonjiet u jipprovdu s-servizzi b'mod partikolari, ikomplu jaħdmu sabiex ikun hemm aktar servizzi li joffru s-sapport u l-assistenza li jinħtieġu l-persuni b'diżabilità. Dawn is-servizzi għandhom iservu biex il-persuni b'diżabilità ma jkunux daqshekk dipendenti minn membri tal-familja u jkollhom assistenza u sapport flessibbli u addattat għall-bżonnijiet tagħhom.

Ta' min jgħid li l-istess persuni jistgħu jkunu qed jagħmlu użu minn tipi differenti ta' assistenza, jiġifieri jaddattaw skond iċ-ċirkostanzi tagħhom, ngħidu aħna l-bżonnijiet li għandhom, kemm jifilħu jħallsu huma stess, u kemm isibu sapport min-nies ta' madwarhom.

Fl-istess waqt, wieħed irid ukoll jinnota li numru sostanzjali ta' persuni b'diżabilità (40.4%) huma lesti li jħallsu għall-assistenza personali. Għal darb'oħra, aktar ma huma

żgħar fl-età, aktar huma lesti li jagħmlu dan. Ir-rieda li jħallsu għal din l-assistenza u d-dħul baxx li għandhom il-persuni b'diżabilità b'mod ġenerali jippuntaw għall-ħtieġa li jiġu żviluppati skemi ta' assistenza personali li, filwaqt li jitolbu kontribuzzjoni finanzjarja mill-persuni b'diżabilità, ikunu ssussidjati mill-gvern fuq skali differenti skond il-mezzi finanzjarji li jkollhom persuni b'diżabilità differenti. Il-vantaġġ ta' assistenza personali li hi mogħtija bħala parti minn servizz organizzat hu li tkun flessibbli u li tista' tiġi ddisinjata skond il-bżonnijiet tal-persuna b'diżabilità. Meta l-assistenza personali hi mogħtija minn membri tal-familja jew persuni oħra fuq bażi volontarja, din l-assistenza ma tistax tkun daqshekk flessibbli u l-bżonnijiet tal-persuni b'diżabilità ħafna drabi jridu jiġu addattati skond kif tista' tagħti l-għajnuna l-persuna li qed tagħmilha ta' assistenta personali.

**Għalhekk dawn iċ-ċifri juru li:**

- **Il-maġġoranza assoluta tal-persuni b'diżabilità jgħixu mal-familja tagħhom.**
- **Il-maġġoranza tal-persuni b'diżabilità jsibu sapport mill-familja tagħhom.**
- **Nofs il-persuni b'diżabilità jsibu sapport mill-KNPD waqt li terz isibu sapport mill-knisja u/jew mis-social workers.**
- **40 % tal-persuni b'diżabilità lesti li jħallsu biex ikollhom l-assistenza personali li għandhom bżonn.**

**Għalhekk hu rrakkomandat li:**

1. **Il-familji ta' persuni b'diżabilità jingħataw is-sapport li hemm bżonn biex ikomplu jipprovdu s-sapport li qed jagħtu preżentament lil dawn il-persuni.**
2. **Jiġu żviluppati skemi li joffru sapport u li jkunu ffinanzjati parzjalment minn ħlas raġonevoli tal-klijenti stess skond il-mezzi tagħhom.**
3. **Jittieħdu miżuri biex jiżdied is-sapport lill-persuni b'diżabilità mill-knisja u mis-servizzi tas-social workers.**

# L-Edukazzjoni

*L-edukazzjoni hi waħda mid-drittijiet fundamentali tal-bniedem u tat-tfal. Hu dmir f'ħafna pajjiżi, fosthom Malta, li t-tfal jattendu l-iskola u din hi indikazzjoni ċara ta' kemm hi importanti l-edukazzjoni għal kulħadd.*

Tabella 15[6]

**X'livell ta' edukazzjoni lestejt b'suċċess?**

| | Total % | Sess % | | Età % | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | | Irġiel | Nisa | 16-19 | 20-59 | 60+ |
| Skola speċjali | 11.0 | 12.6 | 9.1 | 37.5 | 19.8 | 0.0 |
| | 0.2 | 0.3 | 0.1 | 0.3 | 0.2 | 0.1 |
| L-ebda skola | 12.5 | 11.9 | 13.3 | 6.3 | 5.7 | 20.2 |
| | 3.6 | 3.0 | 4.2 | 0.0 | 0.7 | 15.2 |
| Qabel il-primarja | 3.8 | 3.5 | 4.1 | 0.0 | 2.7 | 5.2 |
| | – | – | – | – | – | –* |
| Primarja | 32.7 | 30.5 | 35.3 | 12.5 | 25.6 | 41.5 |
| | 30.3 | 26.7 | 33.8 | 5.1 | 24.0 | 61.4 |
| Sekondarja | 28.9 | 28.4 | 29.5 | 31.3 | 36.3 | 21.0 |
| | 45.5 | 47.2 | 43.8 | 75.5 | 51.4 | 14.0 |
| Post-sekondarja | 8.2 | 9.8 | 6.2 | 12.5 | 7.3 | 8.9 |
| | 11.8 | 13.6 | 10.1 | 18.1 | 13.7 | 2.8 |
| Terzjarja | 2.3 | 2.5 | 2.1 | 0.0 | 1.5 | 3.2 |
| | 8.5 | 9.2 | 7.9 | 1.1 | 9.9 | 6.4 |
| L-ebda risposta | 0.6 | 0.7 | 0.4 | 0.0 | 1.1 | 0.0 |

* Iċ-ċifri mhumiex disponibbli

Il-livell baxx ta' edukazzjoni tal-persuni b'diżabilità joħroġ ċar, l-aktar meta ċ-ċifri tal-istħarriġ huma mqabbla ma' dawk tal-popolazzjoni ġenerali (Tabella 15).

Ngħidu aħna, filwaqt li hemm 12.4% tal-persuni b'diżabilità li ma għandhom l-ebda skola, fil-popolazzjoni ġenerali din iċ-ċifra hi ta' 3.6%. Barra minn hekk, insibu li aktar persuni b'diżabilità waqfu sal-livell primarju filwaqt li inqas minnhom laħqu l-livell sekondarju, post-sekondarju jew terzjarju. Dawn iċ-ċifri huma riflessi wkoll fil-persentaġġi tal-livell kurrenti ta' dawk il-persuni b'diżabilità li għadhom għaddejjin bl-edukazzjoni tagħhom, kif indikat f'Tabella 16.



6 Iċ-ċifri l-ħodor huma tal-popolazzjoni ġenerali meħuda mil-LFS 2003 tal-NSO

L-ewwel parti ta' Tabella 17 turi l-persentaġġ ta' persuni b'diżabilità li bħalissa qed jistudjaw, filwaqt li ċ-ċifri tat-tieni parti huma persentaġġi ta' dawk li qed jistudjaw biss. Nistgħu naraw li ftit hemm persuni 'l fuq minn 19-il sena li qegħdin jistudjaw fuq bażi part-time jew full-time, u wisq inqas permezz tad-distance learning. Persuni li jaħdmu qalu li ma tantx għandhom opportunitajiet għal taħriġ (ara Tabella 28). Iżda ftit hemm persuni b'diżabilità li jidher li għandhom il-ħajra li jkomplu jistudjaw.

## Tabella 16

**X'livell edukattiv qed tattendi?**

| | Total % | Sess % | | Età % | |
|---|---|---|---|---|---|
| | | Irġiel | Nisa | 16-19 | 20-59 |
| Speċjali | 27.8 | 28.6 | 25.9 | 21.6 | 70.0 |
| L-ebda skola | 8.9 | 7.9 | 11.1 | 9.5 | 10.0 |
| Kindergarten | 35.6 | 36.5 | 33.3 | 43.2 | 0.0 |
| Primarja | 21.1 | 20.6 | 22.2 | 24.3 | 0.0 |
| Sekondarja | 3.3 | 3.2 | 3.7 | 0.0 | 20.0 |
| Post-sekondarja | 3.3 | 3.2 | 3.7 | 1.4 | 0.0 |
| Total | 100.0 | 100.0 | 100.0 | 100.0 | 100.0 |

## Tabella 17

**Int tistudja?**

| | Total % | Sess % | | Età % | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | | Irġiel | Nisa | 16-19 | 20-59 | 60+ |
| Iva | 14.9 | 18.9 | 9.8 | 83.1 | 3.8 | 2.0 |

**Inti tistudja fuq bażi?**

| | Total % | Sess % | | Età % | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | | Irġiel | Nisa | 16-19 | 20-59 | 60+ |
| Full-time | 13.2 | 17.7 | 7.5 | 76.4 | 3.4 | 0.8 |
| Part-time | 1.5 | 1.2 | 1.9 | 6.7 | 0.4 | 0.8 |
| Distance learning | 0.2 | 0.0 | 0.4 | 0.0 | 0.0 | 0.4 |

## Tabella 18[7]

### Tkomplija ta' studju

| | Jaqblu % | Ma Jaqblux % | Newtrali % | L-ebda risposta % | Total % |
|---|---|---|---|---|---|
| Nixtieq inkompli nistudja jew nitħarreġ | 20.2 | 59.8 | 2.4 | 17.7 | 100.0 |
| Jekk nattendi xi kors ikolli bżonn it-trasport | 35.5 | 38.1 | 1.8 | 24.6 | 100.0 |
| Jekk nattendi kors neħtieġ post b'aċċessibilità fiżika | 30.1 | 42.2 | 2.9 | 24.8 | 100.0 |
| Jekk nattendi xi kors ikolli bżonn ta' assistenza | 28.7 | 42.7 | 3.7 | 25.0 | 100.0 |

## Tabella 19

### Opinjoni dwar l-edukazzjoni

| | Jaqblu % | Ma Jaqblux % | Newtrali % | L-ebda risposta % | Total % |
|---|---|---|---|---|---|
| Persuni b'diżabilità għandhom opportunitajiet ikomplu jistudjaw | 71.3 | 9.8 | 10.4 | 8.5 | 100.0 |
| L-edukazzjoni fi skola regolari hi l-aħjar għal tfal b'diżabilità | 62.8 | 13.7 | 16.0 | 7.5 | 100.0 |

Tabella 18 turi li dan mhux ġej minn nuqqas ta' sapport. Ikun utli li wieħed jistudja aktar fil-fond x'inhuma l-kawżi ta' dawn l-aspettattivi baxxi.

Min-naħa l-oħra l-figura ta' dawk li jixtiequ jkomplu jistudjaw (20.2%) u l-figura ta' dawk li qalu li persuni b'diżabilità għandhom opportunitajiet biex ikomplu jistudjaw (71.3%) jikkontrastaw ħafna u minn dan l-istudju ma joħroġx għaliex hemm din id-differenza kbira.

Barra minn hekk, il-persuni b'diżabilità jaqblu li l-edukazzjoni fi skejjel regolari hi l-aħjar għal tfal b'diżabilità (Tabella 19).

7 Dawn il-mistoqsijiet irrispondewhom biss dawk li bħalissa mhumiex qed jistudjaw

## Tabella 20

| Tip ta' skola qed jattendu | Total % | Sess % | | Età % | |
|---|---|---|---|---|---|
| | | Irġiel | Nisa | 16-19 | 20-59 |
| Tal-Gvern | 70.1 | 74.6 | 59.3 | 72.9 | 70.0 |
| Tal-Knisja | 23.3 | 20.6 | 29.6 | 25.7 | 20.0 |
| Indipendenti | 4.4 | 4.8 | 3.7 | 1.4 | 10.0 |
| L-ebda risposta | 2.2 | 0.0 | 7.4 | 0.0 | 0.0 |
| Total | 100.0 | 100.0 | 100.0 | 100.0 | 100.0 |

Il-biċċa l-kbira tal-persuni b'diżabilità li bħalissa qed jistudjaw jattendu f'istituzzjoni tal-gvern, waqt li ftit jattendu istituzzjonijiet indipendenti. Minn dawn, kważi nofs għandhom is-sapport ta' facilitator filwaqt li kwart m'għandhom l-ebda assistenza, kif indikat f'Tabella 21. Din it-tabella teskludi persuni li għandhom 'il fuq minn 19-il sena.

Aktar minn tliet kwarti tal-persuni b'diżabilità li jattendu l-iskola jirċievu xi forma ta' assistenza (Tabella 21). Iċ-ċifri kif imqassma skond is-severità tad-diżabilità jagħtu lok għal riflessjoni. Jidher li hemm aktar studenti b'diżabilità ħafifa li għandhom facilitator milli

## Tabella 21

| X'livell ta' assistenza għandek? | Facilitator % | Shared Facilitator % | Teacher Peripatetic % | Assistenza Oħra % | L-ebda Assistenza % | Total % |
|---|---|---|---|---|---|---|
| Total | 49.2 | 16.5 | 6.8 | 4.3 | 23.2 | 100.0 |
| Subien | 52.4 | 16.2 | 9.2 | 5.8 | 16.4 | 100.0 |
| Bniet | 40.4 | 17.5 | 0.0 | 0.0 | 42.1 | 100.0 |
| 0-19 sena | 54.1 | 18.9 | 8.1 | 0.0 | 18.9 | 100.0 |
| 20-59 sena | 10.0 | 0.0 | 0.0 | 30.0 | 60.0 | 100.0 |
| Diżabilità ħafifa | 58.3 | 25.0 | 0.0 | 0.0 | 16.7 | 100.0 |
| Diżabilità moderata | 48.6 | 13.5 | 0.0 | 5.4 | 32.4 | 100.0 |
| Diżabilità severa | 45.7 | 17.1 | 17.1 | 2.9 | 17.1 | 100.0 |

hemm studenti b'diżabilità moderata u severa. Barra minn hekk, fil-kategorija ta' studenti mingħajr assistenza, insibu l-akbar ammont fis-sezzjoni 'Diżabilità Moderata' u l-ammont 'fid-'Diżabilità Severa' hu kważi daqs l-ammont fid-'Diżabilità Ħafifa'. Normalment, wieħed ma jistenniex li dawn iċ-ċifri joħorġu b'dan il-mod u għalhekk ta' min wieħed jara eżatt il-kriterji li qed jintużaw biex jiġi deċiż il-livell ta' assistenza meħtieġa.

Fejn jidħol il-Programm Edukattiv Individwali (IEP), ukoll hemm lok għal aktar analiżi tas-sistema ta' edukazzjoni inklussiva kif inhi fil-preżent. Id-dokument "Edukazzjoni Inklussiva: Policy dwar

### Tabella 22

**Għandek Programm Edukattiv Individwali (IEP)?**

| | Total % | Sess % | | Severità % | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | | Irġiel | Nisa | Ħafifa | Moderata | Severa |
| Iva | 34.5 | 35.5 | 31.8 | 41.7 | 27.0 | 40.0 |

Studenti b'Diżabilità" maħruġ mill-Ministeru ta' l-Edukazzjoni jitlob li t-tfal b'diżabilità jkollhom IEP[8]. Iżda ċ-ċifri li joħorġu mill-istudju preżenti jindikaw realtà oħra, kif tindika Tabella 22 li wkoll ma tinkludix persuni li għandhom aktar minn dsatax-il sena. Hawn ukoll il-persuni b'diżabilità severa huma l-anqas moqdija.

Fuq livell personali, dawk li bħalissa qed jistudjaw jidhru pjuttost kuntenti bir-relazzjoni li għandhom ma' studenti oħra u bis-sapport li jirċievu (Tabella 23).



### Tabella 23[9]

**Opinjoni dwar studju kurrenti**

| | Jaqblu % | Ma Jaqblux % | Newtrali % | L-ebda risposta % | Total % |
|---|---|---|---|---|---|
| Għandi relazzjoni tajba mal- istudenti l-oħra | 81.1 | 5.5 | 3.3 | 10.0 | 100.0 |
| Kuntent/a bit-tagħlim li nirċievi | 77.8 | 3.3 | 8.9 | 10.0 | 100.0 |
| Kuntent/a bl-assistenza li qed ningħata fl-edukazzjoni tiegħi | 70.0 | 6.6 | 8.9 | 14.4 | 100.0 |
| Kuntent/a bl-għajnuna li tagħtini l-amministrazzjoni tal-iskola/kulleġġ meta jkolli problema | 68.9 | 8.9 | 10.0 | 12.2 | 100.0 |

8 Maħruġ mill-Kumitat Ministerjali dwar l-Edukazzjoni Inkluziva (Ministeru tal-Edukazzjoni 2000)
9 Dawn il-mistoqsijiet irrispondewhom biss dawk li bħalissa qed jistudjaw

F'dak li għandu x'jaqsam ma' servizzi mill-premises tad-Divizjoni tal-Edukazzjoni, il-persuni b'diżabilità u l-familjari tagħhom li użawhom f'dawn l-aħħar tliet snin ma jsibuhiex diffiċli ħafna li jużaw dawn il-premises iżda jsibuha ftit aktar diffiċli li jinqdew bit-telefon. Huma pjuttost kuntenti bis-servizzi li ngħataw, bil-mod kif jikkomunikaw mal-istaff u bil-konsulti li saru magħhom. Iżda jħossu li l-aċċess għal informazzjoni dwar is-servizzi tad-Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni jista' jitjieb (Tabella 24).

### Tabella 24[10]

| Użajt is-servizzi tad-Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni f'dawn l-aħħar tliet snin? | % |
|---|---|
| Iva | 8.4 |

| Servizzi tad-Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni | Jaqblu % | Ma Jaqblux % | Newtrali % | L-ebda risposta % | Total % |
|---|---|---|---|---|---|
| Insibha faċli li mmur fl-uffiċini | 59.0 | 32.0 | 9.0 | 0.0 | 100.0 |
| Insibha faċli ninqeda bit-telefon | 35.7 | 47.0 | 17.3 | 0.0 | 100.0 |
| Kuntent/a bis-servizzi li ngħatajt | 69.2 | 20.4 | 10.5 | 0.0 | 100.0 |
| Kuntent/a dwar il-mod kif kont ikkonsultat dwar is-servizzi li stajt nuza | 61.3 | 28.6 | 5.5 | 4.6 | 100.0 |
| Għandi aċċess tajjeb għall-informazzjoni dwar servizzi | 47.2 | 35.6 | 13.1 | 4.2 | 100.0 |
| Insibha faċli biex nikkomunika wiċċ'imb wiċċ mal-istaff | 56.4 | 23.2 | 17.7 | 2.8 | 100.0 |

10 Iċ-ċifri fit-tieni parti huma persentaġġi ta' dawk li użaw is-servizz f'dawn l-aħħar tliet snin

Il-fatti prinċipali li joħorġu minn dan l-istudju dwar l-edukazzjoni huma:

- 12.5 % tal-persuni b'diżabilità ma attendew l-ebda skola, imqabbel ma' 3.6% tal-popolazzjoni ġenerali
- 28.9% biss tal-persuni b'diżabilità ħadu edukazzjoni fil-livell sekondarju, imqabbel ma' 45.5% tal-popolazzjoni ġenerali.
- 2.3 % biss tal-persuni b'diżabilità ħadu edukazzjoni fil-livell terzjarju, imqabbel ma' 8.5% tal-popolazzjoni ġenerali.
- 15% biss tal-persuni b'diżabilità qed ikomplu jistudjaw.
- 20% biss tal-persuni b'diżabilità jixtiequ jkomplu jistudjaw.
- 49.2% tal-istudetni b'diżabilità għandhom facilitator full-time u 16.5% għandhom 23.2% tal-istudenti b'diżabilità ma għandhom l-ebda assistenza fl-edukazzjoni tagħhom.
- Il-maġġoranza tal-persuni b'diżabilità jemmnu li l-edukazzjoni tagħhom l-aħjar li ssir fi skejjel regolari.
- Hemm aktar studenti b'diżabilità ħafifa li għandhom facilitator full-time minn studenti li għandhom diżabilità moderata jew severa.
- Hemm studenti b'diżabilità severa li ma għandhom l-ebda assistenza daqs kemm hemm studenti b'diżabilità ħafifa.
- Terz biss tal-istudenti b'diżabilità (34.4%) iddikjaraw li għandhom programm edukattiv individwali. Hemm aktar subien milli bniet li għandhom dan il-programm u aktar studenti b'diżabilità ħafifa li għandhom dan il-programm milli studenti b'diżabilità severa.
- Il-maġġoranza tal-persuni b'diżabilità huma kuntenti bis-servizzi edukattivi li qed jirċievu (għajr għas-servizz bit-telefon u l-aċċess għall-informazzjoni).

Minn dawn il-fatti nirrikkmandaw li:

1. Issir reviżjoni ġenerali ta' l-edukazzjoni speċjali ħalli jitjieb il-livell edukattiv tal-persuni b'diżabilità u jiġi assigurat li r-riżorsi preżenti jiġu utilizzati bl-aħjar mod hekk li min għandu bżonn l-aktar jieħu l-aktar.
2. Kull student b'diżabilità jkollu programm edukattiv individwali.
3. Jittieħdu inizjattivi biex jiżdiedu l-persuni b'diżabilità li jkomplu l-edukazzjoni tagħhom, anke f'livelli għoljin.

# Id-Dinja tax-Xogħol

*Meta l-persuni li ħadu sehem ġew mistoqsija jekk il-persuni b'diżabilità għandhomx dritt għax-xogħol, 95% qalu iva. Iżda, ħafna drabi dan id-dritt hu mċaħħad. Minn diversi studji li saru dan l-aħħar, naraw li l-parteċipazzjoni tal-persuni b'diżabilità fid-dinja tax-xogħol f'Malta hi baxxa.*

Dan il-fatt hu dokumentat kemm fin-National Disability Survey 2003 (9.5% biss ta' dawk irreġistrati mal-KNPD qed jaħdmu), kif ukoll mil-Labour Force Survey ta' Ġunju tal-2002 (32.2% tal-persuni b'diżabilità jew li għandhom problemi serji ta' saħħa qalu li jaħdmu minn dawk intervistati). Fl-istudju preżenti nsibu li ftit huma l-persuni b'diżabilità li huma attivi ekonomikament (Tabella 25).

## Tabella 25[11]

**X'inhi l-attività ekonomika tiegħek issa?**

| | Total % | Sess % | | Età % | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | | Irġiel | Nisa | 16-19 | 20-59 | 60+ |
| Studenti | 16.4 | 20.7 | 10.9 | 83.1 | 9.2 | 0.0 |
| | 26.1 | 27.1 | 25.1 | 11.8 | 3.0 | 0.1 |
| Impjegati | 11.5 | 13.8 | 8.7 | 1.1 | 24.4 | 2.0 |
| | 36.5 | 50.7 | 22.6 | 5.1 | 60.2 | 4.5 |
| Jieħdu ħsieb id-dar | 17.7 | 0.6 | 39.2 | 0.0 | 16.4 | 25.4 |
| | 21.9 | 0.8 | 42.7 | 0.1 | 27.7 | 37.6 |
| Qiegħda | 7.7 | 7.5 | 7.9 | 2.2 | 15.3 | 1.6 |
| | 3.1 | 4.5 | 1.8 | 2.5 | 4.3 | 0.1 |
| Inattivi | 15.4 | 12.6 | 18.9 | 13.5 | 19.5 | 11.7 |
| | 2.1 | 2.5 | 1.6 | 1.0 | 2.5 | 2.2 |
| Irtirati | 29.4 | 43.1 | 12.1 | 0.0 | 12.6 | 57.3 |
| | 10.3 | 14.4 | 6.2 | 0.0 | 2.4 | 55.6 |
| L-ebda risposta | 2.0 | 1.8 | 2.3 | 0.0 | 2.7 | 2.0 |

11 Ċifri blu huma tal-popolazzjoni ġenerali meħuda mil-LFS 2003 tal-NSO

## Tabella 26[12]

### Fliema settur taħdem?

| | Total % | Sess % | | Età % | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | | Irġiel | Nisa | 16-19 | 20-59 | 60+ |
| Settur pubbliku | 47.1 | 44.7 | 52.2 | 100.0 | 46.9 | 40.0 |
| Settur privat | 52.9 | 55.3 | 47.8 | 0.0 | 53.1 | 60.0 |
| Total | 100.0 | 100.0 | 100.0 | 100.0 | 100.0 | 100.0 |

### X'tip ta' xogħol għandek?

| | Total % | Sess % | | Età % | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | | Irġiel | Nisa | 16-19 | 20-59 | 60+ |
| Full-Time | 77.1 | 74.5 | 82.6 | 100.0 | 78.1 | 60.0 |
| Part-Time | 18.6 | 19.1 | 17.4 | 0.0 | 17.2 | 40.0 |
| It-tnejn | 4.3 | 6.4 | 0.0 | 0.0 | 4.7 | 0.0 |
| Total | 100.0 | 100.0 | 100.0 | 100.0 | 100 .0 | 100.0 |

Mit-tabella 25 insibu li mill-età ta' bejn l-20 u d-59 sena, 24.4% jaħdmu. Din hi ċifra baxxa ħafna meta mqabbla mas-60.2% tal-popolazzjoni ġenerali. Dawn huma mqassmin kważi indaqs bejn is-settur privat (52.9%) u dak pubbliku (47.1%) (Tabella 26). Il-maġġoranza kbira tal-persuni b'diżabilità li jaħdmu huma full-time (77.1%).



12 Dawn iċ-ċifri huma persentaġġi ta' dawk li jaħdmu

## Tabella 27[13]

| Iddeskrivi x-xogħol li tagħmel | Total % | Sess % | | Età % | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | | Irġiel | Nisa | 16-19 | 20-59 | 60+ |
| Okkupazzjonijiet elementari | 34.3 | 42.6 | 17.4 | 0.0 | 35.9 | 40.0 |
| | 12.7 | 14.2 | 9.4 | 27.9 | 12.0 | 17.3 |
| Skrivani | 22.9 | 14.9 | 39.1 | 100 | 21.9 | 0.0 |
| | 11.6 | 7.5 | 20.7 | 19.3 | 11.5 | 4.0 |
| Ħaddiema f'servizzi, fi ħwienet jew fil-bejgħ | 12.9 | 8.5 | 21.7 | 0.0 | 12.5 | 20.0 |
| | 15.5 | 12.4 | 22.4 | 19.3 | 15.5 | 8.3 |
| Operaturi ta' impjanti u magni u assemblers | 8.5 | 8.7 | 8.6 | 0.0 | 9.4 | 0.0 |
| | 10.7 | 11.0 | 9.9 | 14.4 | 10.7 | 3.3 |
| Professjonisti | 7.1 | 8.5 | 4.3 | 0.0 | 4.7 | 40.0 |
| | 10.1 | 7.9 | 14.9 | 0.0 | 10.3 | 18.6 |
| Technicians u professjonisti assoċjati | 5.7 | 6.4 | 4.3 | 0.0 | 6.3 | 0.0 |
| | 14.0 | 13.4 | 15.3 | 5.5 | 14.4 | 12.7 |
| Ħaddiema fil-crafts u snajja' relatati | 5.7 | 8.5 | 0.0 | 0.0 | 6.3 | 0.0 |
| | 13.4 | 18.7 | 1.6 | 8.6 | 13.8 | 4.0 |
| Leġislaturi, uffiċjali għolja jew maniġers | 2.9 | 2.1 | 4.3 | 0.0 | 3.1 | 0.0 |
| | 9.4 | 11.2 | 5.6 | 0.0 | 9.4 | 25.7 |
| Agrikoltura u sajd | 0.0 | 0.0 | 0.0 | 0.0 | 0.0 | 0.0 |
| | 1.7 | 2.4 | 0.1 | 2.4 | 1.6 | 6.2 |
| Forzi Armati | 0.0 | 0.0 | 0.0 | 0.0 | 0.0 | 0.0 |
| | 0.9 | 1.4 | 0.0 | 2.7 | 0.9 | 0.0 |

Skond it-tip ta' xogħol li jagħmlu persuni b'diżabilità, l-akbar grupp hu dak ta' l-okkupazzjonjiet elementari (34.3%) u wara hemm l-iskrivani (22.9%). Flimkien ikopru aktar minn nofs il-persuni li jaħdmu (ara Tabella 27). Fil-gruppi ta' okkupazzjonijiet elementari u skrivani nsibu differenza sostanzjali bejn l-irġiel u n-nisa, b'ħafna aktar nisa b'diżabilità jagħmlu xogħol ta' skrivani u ħafna aktar irġiel b'diżabilità jaħdmu f'okkupazzjonjiet elementari.

13 Ċifri bil-blu huma dawk nazzjonali mil-LFS 2003 tal-NSO.

## Tabella 28[14]

**Opinjoni dwar ix-xogħol kurrenti**

| | Jaqblu % | Ma Jaqblux % | Newtrali % | L-ebda risposta % | Total % |
|---|---|---|---|---|---|
| Kuntent/a bix-xogħol li għandi | 80.0 | 8.6 | 8.6 | 2.9 | 100.0 |
| Naqla' paga tajba | 47.1 | 28.6 | 20.0 | 4.3 | 100.0 |
| Insib diffikultà jekk inkun irrid nibdel ix-xogħol | 74.3 | 12.9 | 5.7 | 7.1 | 100.0 |
| Għandi prospetti tajba għal promozzjoni fix-xogħol tiegħi | 22.8 | 55.7 | 8.6 | 12.9 | 100.0 |
| Għandi opportunitajiet li nirċievi taħriġ fix-xogħol tiegħi | 38.6 | 42.8 | 8.6 | 10.0 | 100.0 |

## Tabella 29[15]

| Użajt is-Servizzi ta' l-ETC f'Ħal Far f'dawn l-aħħar tliet snin? | % |
|---|---|
| Iva | 6.1 |

**Is-Servizz ta' l-ETC f'Ħal Far**

| | Jaqblu % | Ma Jaqblux % | Newtrali % | L-ebda risposta % | Total % |
|---|---|---|---|---|---|
| Faċli jmorru fil-premises | 45.9 | 40.5 | 10.8 | 2.7 | 100.0 |
| Faċli jinqdew bit-telefon | 56.7 | 32.4 | 0.0 | 10.8 | 100.0 |
| Kuntenti bis-servizzi | 64.8 | 29.7 | 5.4 | 0.0 | 100.0 |
| Kuntenti kif kienu kkonsultati dwar is-servizzi | 62.1 | 18.9 | 10.8 | 8.1 | 100.0 |
| Għandhom aċċess tajjeb għall-informazzjoni | 56.7 | 24.3 | 10.8 | 8.1 | 100.0 |
| Faċli jikkomunikaw mal-istaff | 62.1 | 16.2 | 10.8 | 10.8 | 100.0 |

Il-biċċa l-kbira tal-persuni li jaħdmu huma kuntenti bix-xogħol tagħhom, għalkemm ma jħossux li għandhom paga tajba. Dan nistgħu narawh f'Tabella 28 fejn naraw ukoll li l-persuni b'diżabilità jħossu li ftit għandhom prospetti ta' promozzjoni jew opportunitajiet ta' taħriġ fuq ix-xogħol. Huma jħossu wkoll li jekk ikunu jridu jbiddlu l-impjieg isibu diffikultà.

14 Dawn il-mistoqsijiet irrispondewhom biss dawk li bħalissa qed jaħdmu
15 Iċ-ċifri tat-tieni parti huma persentaġġi ta' dawk li użaw is-servizz f'dawn l-aħħar tliet snin

### Tabella 30

| Meta jkollok bżonn assistenza personali jew interpretu, int issib għajnuna mingħand kollegi fuq ix-xogħol? | Total % | Età % | | |
|---|---|---|---|---|
| | | 16-19 | 20-59 | 60+ |
| Iva | 11.9 | 27.0 | 16.0 | 2.4 |

### Tabella 31[16]

| Int tixtieq taħdem? | Total % | Sess % | | Età % | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | | Irġiel | Nisa | 16-19 | 20-59 | 60+ |
| Iva | 13.2 | 15.7 | 10.3 | 18.2 | 23.2 | 3.3 |

L-opinjonijiet dwar l-ETC huma pjuttost pożittivi ħlief biex il-persuni b'diżabilità jmorru fil-premises tal-Korporazzjoni u biex jinqdew fit-telefon. (Tabella 29)

Fejn tidħol assistenza personali, ftit hemm persuni b'diżabilità li jsibu assistenza personali minn kollegi tax-xogħol. (Tabella 30)

Fost il-persuni li ma jaħdmux, 13.2% biss indikaw li jixtiequ jaħdmu (Tabella 31). Jekk wieħed ineħħi dawk li għandhom aktar minn 60 sena u dawk li għandhom inqas minn 20 sena, iċ-ċifra titla' għal 23.2%. Dawn iċ-ċifri baxxi jirriflettu l-għadd ta' dawk li esprimew ix-xewqa li jkomplu jistudjaw u jindikaw aspetattivi pjuttost baxxi min-naħa tal-persuni b'diżabilità. Ir-raġunijiet għal dawn jistgħu jkunu ħafna u ma jistgħux joħorġu direttament minn dan l-istudju. Iżda dan hu settur li tajjeb isir aktar stħarriġ fuqu.

16 Il-mistoqsijiet indikati f'Tabelli 31u 32 irrispondewhom biss dawk li bħalissa mhumiex jaħdmu.

## Tabella 32

### Opinjoni dwar id-dinja tax-xogħol

| | Jaqblu % | Ma Jaqblux % | Newtrali % | L-ebda risposta % | Total % |
|---|---|---|---|---|---|
| Ma ġejtx aċċettat meta ppruvajt insib xogħol | 30.0 | 22.8 | 18.6 | 28.6 | 100.0 |
| Għandi bżonn nitħarreġ biex inkun nista' naħdem | 65.7 | 21.4 | 7.1 | 5.7 | 100.0 |
| Il-fatt li nitlef il-pensjoni jekk insib xogħol jinkwetani | 24.3 | 50.0 | 8.6 | 17.1 | 100.0 |
| Meta sibt xogħol ma tantx kien hemm differenza bejn il-pensjoni u l-paga | 12.8 | 22.8 | 20.0 | 44.3 | 100.0 |
| Nixtieq naħdem part-time | 52.8 | 25.7 | 7.1 | 14.3 | 100.0 |
| Nixtieq naħdem full-time | 47.1 | 38.6 | 5.7 | 8.6 | 100.0 |
| Jekk insib xogħol ikolli bżonn arranġamenti flessibli | 64.3 | 21.4 | 8.6 | 5.7 | 100.0 |

Il- maġġoranza ta' persuni b'diżabilità iħossu li għandhom bżonn ta' aktar taħriġ u arranġamenti flessibli (Tabella 32) biex huma jkunu jistgħu jidħlu fid-dinja tax-xogħol.



Il-fatti prinċipali li joħorġu minn dan is-servej fir-rigward tax-xogħol huma dawn:

- L-għadd ta' persuni b'diżabilità li jaħdmu (impjegati jew self-employed) hu ta' 11.5% imqabbel ma' 36.5% tal-popolazzjoni generali.
- Ħaddiema b'diżabilità huma rrappreżentati aktar fil-okkupazzjoni elementari (kważi tliet darbiet aktar) u skrivani (kważi darbtejn aktar) u anqas fl-okkupazzjonijiet l-oħra kollha.
- Il-persuni b'diżabilità jħossu li huma kuntenti bis-servizzi ta' l-ETC ħlief biex imorru fil-premises tal-Korporazzjoni jew biex jinqdew bit-telefon.
- L-għadd ta' persuni b'diżabilità li ma jaħdmux ( li hu għoli) u li jixtiequ jaħdmu hu baxx, bl-irġiel ftit aktar min-nisa u bi preferenza ftit aktar għal xogħol part-time milli full-time
- Il-maġġoranza tal-persuni b'diżabilità jħossu li għandhom bżonn aktar taħriġ u arranġamenti flessibbli biex isibu xogħol.

Għalhekk, nirrikkmandaw li:

1. Jkun hemm aktar sapport u taħriġ biex persuni b'diżabilità jidħlu fid-dinja tax-xogħol l-aktar f'oqsma mhux elementari jew dawk klerikali u li jkun jinkludi l-possibilità ta' xogħol part-time.

# It-Teknoloġija tal-Komunikazzjoni u Informazzjoni

*Fejn tidħol it-teknoloġija tal-informatika, ftit hemm persuni b'diżabilità li jużaw kompjuter (Tabella 33). Dawn iċ-ċifri huma wkoll baxxi meta mqabbla mal-popolazzjoni ġenerali. Iżda, dawk li jużawh jaqblu ħafna li hu ta' użu kbir. Min-naħa l-oħra, l-użu tal-internet mhux daqshekk qawwi fost dawk li għandhom kompjuter u lanqas ma jsibuha faċli l-persuni b'diżabilità li jsibu fejn jitgħallmu l-kompjuter (Tabella 34).*

## Tabella 33

**L-użu tal-Komputer**

| | | Total % | Sess % | | Età % | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | Irġiel | Nisa | 16-19 | 20-59 | 60+ |
| | | 13.7 | 15.9 | 10.9 | 39.3 | 13.0 | 5.6 |
| | | | Irġiel | Nisa | 15-24 | 25-34 | 55+ |
| Minn 15-il sena 'l fuq | 15.8 | 17.7 | 13.6 | 44.1 | 16.0 | 22.0 | 7.5 |
| Ċifri nazzjonali[17] | 34.0 | 38.2 | 30.1 | 65.1 | 50.7 | 35.7 | 7.8 |

Forsi mhux sorprendenti li l-persuni b'diżabilità ta' età żgħira aktar jużaw il-kompjuter. Iżda ċ-ċifra ta' 13% għal dawk ta' bejn l-20 u d-59 sena hi baxxa ħafna u dan żgur li hu qasam fejn irid isir aktar investiment, anke biex il-korsijiet tal-kompjuter ikunu aktar aċċessibbli għall-persuni b'diżabilità. Wara kollox, it-teknoloġija tal-komunikazzjoni u informazzjoni (ICT) tiftaħ orizzonti wesgħin għall-persuni b'diżabilità kemm fuq livell personali kif ukoll biex jinkisbu ħiliet li jistgħu jintużaw fid-dinja tax-xogħol. Fost affarijiet oħra l-ICT, u speċjalment l-internet, joffru mezzi aċċessibbli ta' ġbir ta' informazzjoni, huma ta' għajnuna għal min għandu nuqqas fiżiku u joffru mezzi alternattivi ta' tagħlim. Dan il-potenzjal tal-ICT ukoll mhuwiex sfruttat biżżejjed mill-Maltin b'diżabilità, kif jindikaw iċ-ċifri ta' dawk li qed jagħmlu korsijiet permezz tad-distance learning (ara Tabella 17).

17 Ċifri nazzjonali huma meħuda mis-Survey on ICT Usage in Households 2002, ippubblikat fl-2003 mill-NSO. Minħabba li l-gruppi ta' etajiet f'dan l-istudju kienu differenti, dawk ta' dan l-istħarriġ reġgħu saru sabiex ikun jista' jkun hemm tqabbil bejn iż-żewġ popolazzjonijiet.

Tabella 34

| Opinjoni dwar l-ICT | Jaqblu % | Ma Jaqblux % | Newtrali % | L-ebda risposta % | Total % |
|---|---|---|---|---|---|
| Il-kompjuter insibu ta' għajnuna kbira | 87.3 | 1.6 | 4.8 | 6.3 | 100.0 |
| Faċli għalija li nsib fejn nista' nitgħallem aktar kif nuża l-kompjuter | 54.7 | 19.8 | 12.7 | 11.9 | 100.0 |
| Il-kompjuter tiegħi nibdlu tal-inqas kull ħames snin | 27.8 | 45.3 | 8.7 | 18.3 | 100.0 |
| Nuża l-internet sikwit | 48.4 | 38.1 | 4.8 | 8.7 | 100.0 |



Il-fatti li joħorġu minn dan l-istudju huma:

- L-għadd ta' persuni b'diżablità li jużaw kompjuter hu anqas min-nofs ta' dawk li jagħmlu dan fil-popolazzjoni ġenerali.
- Madwar 20% tal-persuni b'diżablità jsibu diffikultà biex jitgħallmu kif jużaw il-kompjuter.

Għalhekk nirrikkmandaw li:

1. jittieħdu inizjattivi ħalli jiżdiedu l-opportunitajiet biex persuni b'diżabilità jitgħallmu jużaw il-kompjuter.

# Inklużjoni fil-Komunità

*Il-livell ta' inklużjoni tal-persuni b'diżabilità fil-komunità tagħhom hu indikazzjoni ta' kemm dik il-komunità hi inklussiva u kemm ma fihiex ostakli li jistgħu jtellfu lill-persuni b'diżabilità fil-ħajja tagħhom ta' kuljum. Tajjeb għalhekk li naraw x'jaħsbu l-persuni b'diżabilità dwar dawn l-ostakli jew in-nuqqas tagħhom.*

### Tabella 35[18]

| Tqatta' l-biċċa l-kbira tal-ġurnata fost il-ġimgħa d-dar? | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| Total % | Sess % | | Età % | | |
| | Irġiel | Nisa | 16-19 | 20-59 | 60+ |
| 65.6 | 58.7 | 74.3 | 25.8 | 59.9 | 85.9 |

L-istampa li ħarġet meta staqsejna għall-opinjonjiet tal-parteċipanti dwar l-inklużjoni fil-komunitajiet tagħhom mhix waħda pożittiva ħafna, għalkemm lanqas hi negattiva għall-aħħar. Il-biċċa l-kbira tal-persuni b'diżabilità ma jsibuhiex faċli li joħorġu waħedhom u 65.6% iqattgħu l-biċċa l-kbira

### Tabella 36

**Ħruġ mid-dar**

| | Jaqblu % | Ma Jaqblux % | Newtrali % | L-ebda risposta % | Total % |
|---|---|---|---|---|---|
| Qatt ma noħroġ mid-dar | 15.0 | 78.2 | 4.8 | 2.0 | 100.0 |
| Ftit li xejn noħroġ mid-dar | 42.3 | 50.4 | 5.7 | 1.5 | 100.0 |
| Insibha faċli biex noħroġ waħdi | 40.3 | 51.2 | 7.0 | 1.5 | 100.0 |
| Meta jkolli bżonn is-sapport biex noħroġ, dan insibu mingħajr diffikultà | 69.3 | 16.7 | 9.0 | 5.0 | 100.0 |

18 F'tabelli fejn ma hemmx ċifri separati għal nisa u rġiel, ma nstabitx differenza sinjifikanti bejn is-sessi.

## Tabella 37

### Se nsemmi xi attivitajiet, għidli jekk tagħmilhomx jew le[19]

| | Total % | Sess % | | Età % | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | | Irġiel | Nisa | 16-19 | 20-59 | 60+ |
| Noħroġ nixtri u nagħmel qadjiet oħra | 39.1 | 41.6 | 35.8 | 23.6 | 53.1 | 29.8 |
| Nipparteċipa f'attivitajiet tal-Knisja | 30.1 | 26.9 | 34.0 | 34.8 | 31.3 | 26.6 |
| Nipparteċipa f'attivitajiet ta' għaqda mhux governattiva | 17.0 | 19.8 | 14.0 | 36.0 | 15.3 | 12.1 |
| Nipparteċipa f'attivitajiet sportivi | 11.5 | 14.4 | 7.9 | 32.6 | 13.0 | 2.4 |
| Nipparteċipa f'attivitajiet tal-kunsill lokali | 7.2 | 6.0 | 8.7 | 7.9 | 7.6 | 6.5 |
| Nattendi ċentru ta' matul il-jum (ATC) | 6.5 | 4.2 | 9.4 | 1.1 | 11.8 | 2.8 |
| Nattendi ċentru tal-anzjani | 4.7 | 3.0 | 6.8 | 0.0 | 1.5 | 9.7 |

tal-ħin id-dar. Tabella 35 turi d-disparità li hemm bejn l-irġiel u n-nisa f'dan l-aspett, kif ukoll il-fatt li, aktar ma għandhom età l-persuni, aktar hemm ċans li jqattgħu ħafna ħin id-dar.

Minkejja dawn id-diffikultajiet, il-persuni b'diżabilità intervistati xorta jsibu mezz kif joħorġu mid-djar tagħhom u ftit kienu dawk li qalu li qatt ma joħorġu mid-dar (ara Tabella 36). L-aktar li joħorġu hu biex jagħmlu xiri u qadjiet u biex jattendu attivitajiet tal-Knisja, inkluż quddies (ara Tabella 37). Numru ftit akbar qalu li ftit joħorġu mid-dar, filwaqt li ħafna persuni qalu li jsibu sapport biex joħorġu mid-dar. Dan is-sapport hu bżonnjuż peress li kien hemm numru qawwi li qalu li ma jsibuhiex faċli li joħorġu waħedhom. Il-parteċipanti ma ġewx mistoqsija min joffri dan is-sapport, iżda tajjeb li wieħed jara dawn ir-risposti fil-kuntest tal-mistoqsijiet dwar is-sapport u l-assistenza li huma jirċievu (ara Tabella 14).

Żgur li aktar aċċessibilità fiżika tgħin biex persuni b'diżabilità jkunu aktar inklużi fil-komunitajiet tagħhom. Dan jgħodd speċjalment għal persuni li għandhom nuqqas ta' mobilità jew inkella nuqqas ta' vista. Barra minn hekk, hu importanti li l-persuni b'diżabilità jkunu jistgħu jieħdu sehem ukoll fl-attivitajiet li jsiru fil-komunità tagħhom għax wara kollox huma għandhom interessi varji, bħal kull persuna oħra. Kif tindika Tabella 38, dan jgħodd b'mod speċjali għall-anzjani.

Dan juri li tinħtieġ bidla fil-kultura sabiex ikun hemm aċċessibilità fis-sens wiesa' tal-kelma, jiġifieri aċċessibilità fiżika, għall-informazzjoni u anke l-provvediment ta' assistenza skond il-bżonn. Aċċessibilità tfisser ukoll attitudni aktar pożittiva lejn l-abilitajiet u l-interessi tal-persuni b'diżabilità. Fl-istess ħin il-bżonnijiet speċifiċi tal-persuni b'diżabilità ma jridux jintesew u hu bżonnjuż li ssir aktar ħidma sabiex dak li l-aktar jolqot lill-persuni b'diżabilità jingħata aktar importanza u hekk iċ-ċifri f'Tabella 38 isiru aktar inkoraġġanti.

19 Din hi lista ta' attivitajiet minbarra xogħol jew edukazzjoni full-time.

## Tabella 38

| L-importanza lill-persuni b'diżabilità | Jaqblu % | Ma Jaqblux % | Newtrali % | L-ebda risposta % | Total % |
|---|---|---|---|---|---|
| Il-kunsill lokali tiegħi jagħti ħafna importanza | 33.8 | 33.5 | 15.9 | 16.8 | 100.0 |
| Il-parroċċa tiegħi tagħti ħafna importanza | 42.8 | 23.9 | 17.2 | 16.0 | 100.0 |

## Tabella 39

**Meta jkollok problema int issib sapport jew għajnuna minn xi rappreżentant tal-Knisja jew ta' għaqdiet reliġjużi?**

| Età | |
|---|---|
| Total | 27.2 |
| 0-19-il sena | 37.1 |
| 20-59sena | 26.7 |
| 60+ sena | 24.2 |

F'dan il-kuntest, ir-riżultati ta' dan is-servej jindikaw li l-kunsilli lokali għandhom jagħmlu aktar sforz sabiex ikunu aktar miftuħa għall-persuni b'diżabilità u l-familji tagħhom, anke peress li, kif turi Tabella 37, persentaġġ żgħir ħafna ta' persuni b'diżabilità jieħdu sehem f'attivitajiet tal-kunsilli lokali tagħhom.

L-opinjoni dwar l-importanza li tagħti l-knisja lil dak li l-aktar jolqot lill-persuni b'diżabilità hi xi ftit aktar pożittiva. Kien hemm numru sostanzjali ta' persuni li qalu li jsibu sapport minn organizazzjonijiet tal-Knisja meta jkollhom xi problema (Tabella 39). Barra minn hekk, Tabella 37 turi li kważi terz tal-persuni jieħdu sehem f'attivitajiet tal-Knisja. Dan jinkludi l-quddies.

## Tabella 40

**Int membru ta' xi għaqda mhux governattiva li taħdem fil-qasam tad-diżabilità**

| | Total % | Sess % | | Età % | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | | Irġiel | Nisa | 16-19 | 20-59 | 60+ |
| Iva | 15.5 | 18.3 | 12.1 | 31.5 | 19.1 | 6.0 |

## Tabella 41

| Meta jkollok problema int issib sapport jew għajnuna minn xi għaqda mhux governattiva? | |
|---|---|
| **Età** | |
| Total | 19.4 |
| 0-19-il sena | 40.4 |
| 20-59sena | 20.2 |
| 60+ sena | 10.9 |

L-involviment tal-persuni b'diżabilità f'għaqdiet tagħhom mhux governattivi (NGOs) hu aktar limitat, kif jidher ukoll f'Tabella 40. Iċ-ċifra ta' 17% hi qrib ħafna ta' dik ta' 15.5% tal-persuni li huma membri ta' NGO u li jaħdmu f'dan il-qasam. Hawnhekk naraw differenzi sostanzjali bejn l-etajiet, b'aktar persuni żgħar (jew il-ġenituri tagħhom) ikunu membri minn dawk anzjani. Dawn iċ-ċifri huma wkoll konsistenti mal-persentaġġi ta' persuni li qalu li jsibu sapport mingħand NGO meta jkun hemm problemi (Tabella 41).

## Tabella 42[20]

| Għamilt użu mis-servizzi ta' interpretu tal-Lingwa tas-Sinjali f'dawn l-aħħar tliet snin? | | | | | % |
|---|---|---|---|---|---|
| Iva | | | | | 1.7 |
| | Jaqblu % | Ma Jaqblux % | Newtrali % | L-ebda risposta % | Total % |
| Insibha faċli nitlob għas-servizz tal-Interpretu tal-Lingwa tas-Sinjali | 88.9 | 0.0 | 11.1 | 0.0 | 100.0 |
| Il-livell tas-servizz tal-interpretu hu biżżejjed biex jissodisfani | 100.0 | 0.0 | 0.0 | 0.0 | 100.0 |
| Kuntent/a bis-servizzi tal-interpretu | 100.0 | 0.0 | 0.0 | 0.0 | 100.0 |
| Kuntent/a bil-mod kif kont ikkonsultat dwar is-servizzi tal-interpretu | 90.0 | 0.0 | 10.0 | 0.0 | 100.0 |
| Għandi aċċess tajjeb għal informazzjoni dwar is-servizzi tal-interpretu | 70.0 | 0.0 | 20.0 | 10.0 | 100.0 |

Servizz li żgur li jgħin lill-persuni neqsin mis-smigħ biex jipparteċipaw aktar fil-ħajja tal-komunità fejn jgħixu hu bla dubju ta' xejn is-servizz tal-Lingwa tas-Sinjali lil dawk li jużaw din il-lingwa biex jikkomunikaw. Tabella 42 turi ċar li dan is-servizz hu milqugħ tajjeb mill-persuni b'diżabilità li jagħmlu użu minnu.

20 Iċ-ċifri fit-tieni parti huma persentaġġi ta' dawk li użaw is-servizz f'dawn l-aħħar tliet snin.

Il-punti prinċipali li joħorġu minn din it-taqsima huma:

- Il-maġġoranza tal-persuni b'diżabilità jqattgħu l-biċċa l-kbira tal-ġurnata d-dar, bin-nisa ħafna aktar mill-irgiel.
- Inqas ħafna min-nofs tal-persuni b'diżabilità jħossu li l-kunsill lokali (33.8%) u l-Knisja (42.8%) jagħtu importanza lill-qasam tagħhom.
- Il-parteċipazzjoni tal-persuni b'diżabilità f'attivitajiet tal-Knisja (30.1%), tal-kunsill lokali (7.2%), sports (11.5%) u għaqdiet mhux goveranattivi (17%) hi waħda relattivament baxxa.
- L-għadd ta' persuni li huma membri ta' għaqdiet tal-persuni b'diżabilità hu wieħed baxx (15.5%).
- Il-persuni neqsin mis-smigħ li jagħmlu użu mis-servizz tal-interpretazzjoni tal-lingwa tas-sinjali huma kuntenti b'dan is-servizz.

Għalhekk ir-rakkomandazzjoniet prinċipali għal dan is-settur huma li:

1. Il-persuni b'diżabilità jingħataw aktar sapport biex ikunu jistgħu joħorġu mid-dar  u jipparteċipaw aktar f'attivitajiet fil-komunità.
2. Il-Knisja, il-kunsilli lokali u l-għaqdiet, l-aktar dawk tal-persuni b'diżabilità infushom, jaħdmu aktar biex tiżdied il-parteċipazzjoni tal-persuni b'diżabilità fl-attivitajiet tagħhom.

# Is-Saħħa

*Meta kienu mistoqsija għall-opinjoni tagħhom dwar is-servizzi tas-saħħa, il-persuni b'diżabilità qablu, li huma megħjuna minn dawn is-servizzi (Tabella 43). Huma qalu li ma jsibuhiex faċli għall-aħħar li jmorru l-isptar jew fiċ-ċentri tas-saħħa jew biex jinqdew fuq it-telefon.*

## Tabella 43

**Is-Servizzi tas-Saħħa**

| | Jaqblu % | Ma Jaqblux % | Newtrali % | L-ebda risposta % | Total % |
|---|---|---|---|---|---|
| Il-persuni b'diżabilità huma moqdijin tajjeb mis-servizzi tas-saħħa | 58.8 | 20.0 | 15.9 | 5.3 | 100.0 |
| Kuntent/a bil-mod kif ingħatajt l-aħbar dwar il-kundizzjoni tiegħi (jew tat-tifel/tifla tiegħi) | 42.8 | 29.2 | 13.9 | 14.1 | 100.0 |
| Insibha faċli biex nagħmel assigurazzjoni tal-ħajja | 12.2 | 48.0 | 9.6 | 30.3 | 100.0 |

Min-naħa l-oħra huma kuntenti bis-servizzi u bl-informazzjoni li ngħataw dwar dawn is-servizzi u qalu wkoll li jsibuha faċli li jikkomunikaw wiċċ'imb wiċċ mal-istaff (Tabella 44).

Dawk li jużaw is-servizzi tas-CDAU (10.7% ta' dawk li ħadu sehem fl-istħarriġ) ġew mistoqsija wkoll dwar dan is-servizz. Tabella 45 turi r-risposti tagħhom li, meta mqabbla ma' dawk dwar l-isptarijiet u ċ-ċentri tas-saħħa, ixaqilbu daqsxejn aktar lejn in-negattiv.

### Tabella 44[21]

| Għamilt użu mis-servizzi ta' l-Isptar jew Ċentri tas-Saħħa f'dawn l-aħħar tliet snin? | | | | | % |
|---|---|---|---|---|---|
| Iva | | | | | 72.3 |
| | Jaqblu % | Ma Jaqblux % | Newtrali % | L-ebda risposta % | Total % |
| Insibha faċli li mmur l-isptar jew fiċ-ċentri tas-saħħa | 61.2 | 29.4 | 9.2 | 0.2 | 100.0 |
| Insibha faċli li nagħmel użu mis-servizzi li joffru | 74.1 | 16.7 | 8.9 | 0.4 | 100.0 |
| Kuntent/a bis-servizzi li ngħatajt mill-isptar jew iċ-ċentri tas-saħħa | 83.3 | 8.0 | 8.5 | 0.2 | 100.0 |
| Kuntent/a bil-mod kif kont ikkonsultat dwar is-servizzi li stajt nuża | 74.1 | 11.5 | 10.7 | 3.7 | 100.0 |
| Għandi aċċess tajjeb għall-informazzjoni li toffri d-Diviżjoni tas-Saħħa | 59.6 | 22.7 | 14.5 | 3.2 | 100.0 |
| Insibha faċli biex nikkomunika wiċċ'imb wiċċ mal-istaff tad-Diviżjoni | 78.0 | 13.0 | 8.5 | 0.5 | 100.0 |

L-opinjonijiet negattivi komplew jiżdiedu meta l-persuni b'diżabilità ġew mistoqsija dwar jekk humiex sodisfatti bil-mod kif ingħataw l-aħbar dwar id-diżabilità tagħhom. Fil-kaz ta' assigurazzjoni tal-ħajja, ħafna persuni b'diżabilità qalu li jsibuha diffiċli ħafna li jagħmlu waħda (Tabella 43). Dan għandu implikazzjonijiet serji għal aspetti oħra tal-ħajja, bħal per eżempju meta jiġu biex jissellfu l-flus mill-banek biex jixtru dar.

21 Iċ-ċifri fit-tieni parti huma persentaġġi ta' dawk li użaw is-servizz f'dawn l-aħħar tliet snin.

## Tabella 45[22]

| Għamilt użu mis-servizzi tas-CDAU f'dawn l-aħħar tliet snin? | | | | | % |
|---|---|---|---|---|---|
| Iva | | | | | 10.7 |
| | Jaqblu % | Ma Jaqblux % | Newtrali % | L-ebda risposta % | Total % |
| Insibha faċli li mmur fl-uffiċini | 64.1 | 25.0 | 10.9 | 0.0 | 100.0 |
| Insibha faċli ninqeda bit-telefon | 60.9 | 29.7 | 9.4 | 0.0 | 100.0 |
| Kuntent/a bis-servizzi li ngħatajt | 76.6 | 15.7 | 7.8 | 0.0 | 100.0 |
| Kuntent/a dwar il-mod kif kont ikkonsultat dwar is-servizzi li stajt nuża | 78.1 | 15.7 | 6.3 | 0.0 | 100.0 |
| Għandi aċċess tajjeb għall-informazzjoni dwar servizzi | 70.3 | 18.8 | 9.4 | 1.6 | 100.0 |
| Insibha faċli biex nikkomunika wiċċ'imb wiċċ mal-istaff | 76.6 | 17.2 | 6.3 | 0.0 | 100.0 |

### Il-punti prinċipali li joħorġu minn din it-taqsima huma:

- Il-maġġoranza tal-persuni b'diżabilità huma kuntenti bis-servizzi tas-saħħa mogħtija lilhom.
- Minoranza tal-persuni b'diżabilità huma kuntenti bil-mod kif ingħataw l-aħbar dwar il-kundizzjoni tagħhom jew tat-tifel/tifla tagħhom.
- Numru sostanzjali ta' persuni b'diżabilità (48%) isibu diffikulta' biex jagħmlu assigurazzjoni tal-ħajja.

### Ir-rakkomandazzjonijiet huma li:

1. Il-professjonisti għandhom jingħataw aktar taħriġ kif jagħtu l-aħbar tad-diżabilità.
2. Persuni b'diżabilità jingħataw sapport biex jagħmlu assigurazzjoni tal-ħajja.

Is-Saħħa

22 Iċ-ċifri fit-tieni parti huma persentaġġi ta' dawk li użaw is-servizz f'dawn l-aħħar tliet snin.

# Servizzi Oħra Governattivi

*Il-persuni b'diżabilità bħala grupp jagħmlu użu sostanzjali mis-servizzi tal-Aġenzija Sapport, tad-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali u tal-Awtorità tad-Djar u l-KNPD.*

## Tabella 46[23]

| | Aġenzija Sapport % | Siġurtà Soċjali % | Awtorità tad-Djar | KNPD % |
|---|---|---|---|---|
| Għamilt użu mis-servizzi f'dawn l-aħħar tliet snin | 4.7 | 29.8 | 13.8 | 51.8 |
| Insibha faċli li mmur fl-uffiċini | 53.8 | 66.5 | 44.6 | 61.3 |
| Insibha faċli ninqeda bit-telefon | 96.4 | 54.7 | 45.8 | 71.6 |
| Kuntent/a bis-servizzi li ngħatajt | 75.0 | 81.6 | 54.2 | 84.8 |
| Kuntent/a bil-mod kif kont ikkonsultat dwar is-servizzi li stajt nuża | 82.1 | 66.0 | 53.0 | 76.4 |
| Għandi aċċess tajjeb għall-informazzjoni dwar servizzi | 75.0 | 67.0 | 55.5 | 74.3 |
| Insibha faċli biex nikkomunika wiċċ'imb wiċċ mal-istaff | 85.7 | 76.6 | 62.6 | 73.1 |

Tabella 46 turi l-opinjonijiet ta' min ħa sehem fl-istħarriġ dwar dawn is-servizzi. Il-persuni b'diżabilità huma kuntenti bis-servizzi tal-KNPD u tal-Aġenzija Sapport, għalkemm isibu xi ftit diffikultà biex imorru fil-premises. L-opinjoni ta' min irrisponda mhix daqshekk pożittiva fil-każ tad-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali u inqas fejn jidħlu s-servizzi tal-Awtorità tad-Djar. Tabella 46 tagħti ċ-ċifri ta' nies li qablu mal-mistqosija magħmula waqt li Tabelli 47-50 jagħtu ċ-ċifri kollha għall-erba' servizzi.

Fil-kaz tal-KNPD (Tabellla 50), insibu li aktar min-nofs tal-persuni b'diżabilità użaw is-servizzi tagħha. Dawn il-persuni esprimew opinjonijiet tajba dwar is-servizzi tal-KNPD. Barra minn hekk, mill-persuni li rrispondew għas-servej, 36.1% qalu li jsibu sapport mill-KNPD meta jkun hemm problemi (ara Tabella 13).

23 Iċ-ċifri fit-tieni parti huma persentaġġi ta' dawk li użaw is-servizz f'dawn l-aħħar tliet snin.

## Tabella 47[24]

| Użajt is-servizzi ta' l-Aġenzija Sapport f'dawn l-aħħar tliet snin? | | | | | % |
|---|---|---|---|---|---|
| Iva | | | | | 4.7 |
| | Jaqblu % | Ma Jaqblux % | Newtrali % | L-ebda risposta % | Total % |
| Isibuha faċli jmorru fil-premises | 53.8 | 26.0 | 6.8 | 13.4 | 100.0 |
| Isibuha faċli jinqdew bit-telefon | 96.4 | 3.6 | 0.0 | 0.0 | 100.0 |
| Kuntenti bis-servizzi | 75.0 | 14.3 | 3.6 | 7.1 | 100.0 |
| Kuntenti kif kienu kkonsultati dwar is-servizzi | 82.1 | 17.9 | 0.0 | 0.0 | 100.0 |
| Għandhom aċċess tajjeb għall-informazzjoni | 75.0 | 17.9 | 7.1 | 0.0 | 100.0 |
| Isibuha faċli jikkomunikaw mal-istaff | 85.7 | 7.2 | 7.1 | 0.0 | 100.0 |

## Tabella 48[24]

| Użajt is-servizzi tad-Dipartiment tas-Siġurtà Soċjali f'dawn l-aħħar tliet snin? | | | | | % |
|---|---|---|---|---|---|
| Iva | | | | | 29.8 |
| | Jaqblu % | Ma Jaqblux % | Newtrali % | L-ebda risposta % | Total % |
| Isibuha faċli jmorru fil-premises | 66.5 | 27.9 | 4.5 | 1.1 | 100.0 |
| Isibuha faċli jinqdew bit-telefon | 54.7 | 29.0 | 8.4 | 7.8 | 100.0 |
| Kuntenti bis-servizzi | 81.6 | 12.8 | 3.9 | 1.7 | 100.0 |
| Kuntenti kif kienu kkonsultati dwar is-servizzi | 66.0 | 21.8 | 7.3 | 5.0 | 100.0 |
| Għandhom aċċess tajjeb għall-informazzjoni | 67.0 | 22.9 | 7.3 | 2.8 | 100.0 |
| Isibuha faċli jikkomunikaw mal-istaff | 76.6 | 14.5 | 6.7 | 2.2 | 100.0 |



24 Iċ-ċifri fit-tieni parti huma persentaġġi ta' dawk li użaw is-servizz f'dawn l-aħħar tliet snin.

## Tabella 49[25]

| Użajt is-servizzi ta' l-Awtorità tad-Djar f'dawn l-aħħar tliet snin? | | | | | % |
|---|---|---|---|---|---|
| Iva | | | | | 13.8 |
| | Jaqblu % | Ma Jaqblux % | Newtrali % | L-ebda risposta % | Total % |
| Isibuha faċli jmorru fil-premises | 44.6 | 41.0 | 14.5 | 0.0 | 100.0 |
| Isibuha faċli jinqdew bit-telefon | 45.8 | 35.0 | 8.4 | 10.8 | 100.0 |
| Kuntenti bis-servizzi | 54.2 | 37.3 | 6.0 | 2.4 | 100.0 |
| Kuntenti kif kienu kkonsultati dwar is-servizzi | 53.0 | 32.5 | 10.8 | 3.6 | 100.0 |
| Għandhom aċċess tajjeb għall-informazzjoni | 55.5 | 31.4 | 9.6 | 3.6 | 100.0 |
| Isibuha faċli jikkomunikaw mal-istaff | 62.6 | 30.2 | 7.2 | 0.0 | 100.0 |

## Tabella 50[25]

| Użajt is-servizzi tal-KNPD f'dawn l-aħħar tliet snin? | | | | | % |
|---|---|---|---|---|---|
| Iva | | | | | 51.8 |
| | Jaqblu % | Ma Jaqblux % | Newtrali % | L-ebda risposta % | Total % |
| Isibuha faċli jmorru fil-premises | 61.3 | 26.8 | 6.1 | 5.8 | 100.0 |
| Isibuha faċli jinqdew bit-telefon | 71.6 | 12.2 | 7.4 | 8.7 | 100.0 |
| Kuntenti bis-servizzi | 84.8 | 7.1 | 7.1 | 1.0 | 100.0 |
| Kuntenti kif kienu kkonsultati dwar is-servizzi | 76.4 | 9.0 | 7.7 | 6.8 | 100.0 |
| Għandhom aċċess tajjeb għall-informazzjoni | 74.3 | 15.4 | 7.1 | 3.2 | 100.0 |
| Isibuha faċli jikkomunikaw mal-istaff | 73.1 | 10.7 | 6.8 | 9.4 | 100.0 |

25 Iċ-ċifri fit-tieni parti huma persentaġġi ta' dawk li użaw is-servizz f'dawn l-aħħar tliet snin.

### Tabella 51

**Int taf bil-Kummissjoni Nazzjonali Persuni b'Diżabilità?**

| | Total % | Sess % | | Età % | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | | Irġiel | Nisa | 16-19 | 20-59 | 60+ |
| Iva | 91.3 | 94.0 | 87.9 | 95.5 | 92.4 | 88.7 |

Bħal f'każijiet oħra ta' sorsi ta' sapport, il-persentaġġ ta' persuni li jsibu sapport mill-KNPD jonqos mal-età għalkemm iċ-ċifri ma jonqsux daqs kemm jonqsu għal sorsi oħra ta' għajnuna, speċjalment fl-etajiet ta' bejn l-20 u d-59 sena.

Il-biċċa l-kbira (91.3%) tal-persuni b'diżabilità jafu dwar il-KNPD. Tabella 52 turi s-sorsi ta' informazzjoni li permezz tagħhom il-persuni b'diżabilità saru jafu bil-KNPD. Hawnhekk ta' min jinnota l-importanza li għandhom il-media f'dan il-qasam.

Fl-aħħarnett, il-Liġi Opportunitajiet Indaqs (Persuni b'Diżabilità) 2000 hi meqjusa bħalha strument effettiv fil-ġlieda għad-drittijiet tal-persuni b'diżabilità (70.9% jaqblu ma' dan). It-tħaddim ta' din il-liġi hu waħda mill-akbar responsabiltajiet tal-KNPD. Wara kollox, il-KNPD kif hi llum ġiet imwaqqfa permezz ta' din l-istess liġi sabiex tħarisha u tara li anke s-soċjetà qed tħarisha. Il-ġlieda biex persuni b'diżabilità jkunu aktar inkluzi fil-komunitajiet tagħhom, biex ikollhom aktar opportunitajiet ta' studju u ta' xogħol u biex jinqdew aħjar mis-servizzi li huma jkollhom bżonn hi ġlieda għad-drittijiet tagħhom, drittijiet li huma mħarsa permezz tal-Liġi Opportunitajiet Indaqs.

### Tabella 52

| Jekk iva, kif sirt taf biha? | % |
|---|---|
| Media | 28.0 |
| L-isptar | 18.1 |
| Ħbieb | 15.7 |
| Membri tal-familja | 13.7 |
| Post iehor | 8.4 |
| Tabib tal-familja | 5.7 |
| Persuna oħra b'diżabilità | 2.7 |
| NGO | 2.4 |
| Social worker | 2.2 |
| Min jipprovdi servizzi bil-ħlas | 0.5 |
| Ma jafux kif | 2.4 |

**Il-fatti prinċipali li ħarġu minn din it-taqsima huma:**

- Il-maġġoranza tal-persuni b'diżabilità li għamlu użu mis-servizzi tal-Aġenzija Sapport huma kuntenti b'dan is-servizz.
- Il-maġġoranza tal-persuni b'diżabilità li għamlu użu mis-servizz tad-Dipartiment tas-Sigurta' Soċjali huma kuntenti b'dan is-servizz.
- Il-maġġoranza tal-persuni b'diżabilità li għamlu użu mis-servizz tal-Awtorità tad-Djar huma kuntenti bis-servizz li jingħataw għalkemm hemm diffikultà biex imorru l-uffiċini tagħhom u jinqdew bit-telefon.
- Il-maġġoranza tal-persuni b'diżabilità li għamlu użu mis-servizz tal-Kummissjoni Nazzjonali Persuni b'Diżabilità huma kuntenti b'dan is-servizz.
- Il-maġġoranza tal-persuni b'diżabilità jafu bil-KNPD u saru jafu biha l-aktar permezz tal-media, l-isptar, ħbieb u membri tal-familja tagħhom.
- Il-maġġoranza tal-persuni b'diżabilità jemmnu li l-Liġi Opportunitajiet Indaqs hi għodda importanti biex huma jiksbu d-drittijiet tagħhom.

# Punti Prinċipali

- Hemm madwar 15 % tal-persuni b'diżabilità li ddikjaraw li ma għandhom l-ebda dħul finanzjarju u li din il-problema hi akbar fin-nisa milli fl-irġiel.
- Aktar minn nofs il-persuni b'diżabilità ddikjaraw li għandhom dħul ta' 17% anqas mill-paga minima nazzjonali.
- Il-maġġoranza assoluta tal-persuni b'diżabilità jħossu li d-diżabilità kellha effett fuq l-infiq tagħhom u tal-familja tagħhom.
- Il-maġġoranza assoluta tal-persuni b'diżabilità jgħixu mal-familja tagħhom.
- Il-maġġornaza tal-persuni b'diżabilità jsibu sapport mill-familja tagħhom.
- Nofs il-persuni b'dizabilità jsibu sapport mill-KNPD waqt li terz isibu sapport mill-Knisja u/jew mis-social workers.
- 40% tal-persuni b'diżabilità lesti li jħallsu biex ikollhom l-assistenza personali li għandhom bżonn.
- 12.5 % tal-persuni b'diżabilità ma attendew l-ebda skola, imqabbel ma' 3.6% tal-popolazzjoni ġenerali.
- 28.9% biss tal-persuni b'diżabilità ħadu edukazzjoni fil-livell sekondarju, imqabbel ma' 45.5% tal-popolazzjoni ġenerali.
- 2.3% biss tal-persuni b'diżabilità ħadu edukazzjoni fil-livell terzjarju, imqabbel ma' 8.5% tal-popolazzjoni ġenerali.
- 15% biss tal-persuni b'diżabilità qed ikomplu jistudjaw.
- 20% biss tal-persuni b'dizbilità jixtiequ jkomplu jistudjaw.
- Il-maġġoranza tal-persuni b'diżabilità jemmnu li l-edukazzjoni tagħhom l-aħjar tingħata fi skejjel regolari.
- 49.2% tal-istudenti b'diżabilità għandhom facilitator full-time u 16.5% għandhom facilitator part-time.
- 23.2% tal-istudenti b'diżabilità ma għandhom l-ebda assistenza fl-edukazzjoni tagħhom.
- Hemm aktar studenti b'diżabilità ħafifa li għandhom facilitator full-time minn studenti li għandhom diżabilità moderata jew severa.
- Hemm studenti b'diżabilità severa li ma għandhom l-ebda assistenza daqs kemm hemm studenti b'diżabilità ħafifa.
- Terz biss tal-istudenti b'diżabilità (34.5%) iddikjaraw li għandhom programm edukattiv individwali; u hemm aktar subien milli bniet li għandhom dan il-programm; u aktar studenti b'diżabilità ħafifa li għandhom dan il-programm milli studenti b'diżabilità severa.
- Il-maġġoranza tal-persuni b'diżabilità huma kuntenti bis-servizzi tad-Diviżjoni tal-Edukattivi li qed jirċievu (għajr għas-servizz bit-telefon u l-aċċess għall-informazzjoni).
- In-numru ta' persuni b'diżabilità li jaħdmu (impjegati jew self-employed) hu ta' 11.5% imqabbel ma' 36.5% tal-popolazzjoni ġenerali.
- Ħaddiema b'diżabilità huma rappreżentati aktar fil-okkupazzjoni elementari (kważi tliet darbiet aktar) u skrivani (kważi darbtejn aktar) u anqas fl-okkupazzjonijiet l-oħra kollha.

- Il-persuni b'diżabilità jħossu li huma kuntenti bis-servizzi ta' l-ETC ħlief biex imorru fil-premises tal-Korporazzjoni jew biex jinqdew bit-telefon.
- In-numru ta' persuni b'diżabilità li ma jaħdmux (li hu għoli) u li jixtiequ jaħdmu hu baxx, bl-irġiel ftit aktar min-nisa u bi preferenza ftit aktar għal xogħol part-time milli full-time.
- Il-maġġoranza tal-persuni b'diżabilità jħossu li għandhom bżonn aktar taħriġ u arranġamenti flessibbli biex isibu xogħol.
- In-numru ta' persuni b'diżablità li jużaw kompjuter hu anqas min-nofs ta' dawk li jagħmlu dan fil-popolazzjoni ġenerali.
- Madwar 20% tal-persuni b'diżabilità jsibu diffikultà biex jitgħallmu kif jużaw il-kompjuter.
- Il-maġġoranza tal-persuni b'diżabilità jqattgħu l-biċċa l-kbira tal-ġurnata d-dar, bin-nisa ħafna aktar mill-irgiel.
- Inqas ħafna min-nofs tal-persuni b'diżabilità jħossu li l-kunsill lokali (33.8%) u l-Knisja (42.8%) jagħtu importanza lill-qasam tagħhom.
- Il-parteċipazzjoni tal-persuni b'diżabilità f'attivitajiet tal-Knisja (30.1%), tal-kunsill lokali (7.2%), sports (11.5%) u għaqdiet mhux goveranativi (17%) hi waħda relattivament baxxa.
- In-numru ta' persuni b'dizabilità li huma membri tal-għaqdiet tagħhom hu wieħed baxx (15.5%).
- Il-persuni neqsin mis-smigħ li jagħmlu użu mis-servizz tal-interpretazzjoni tal-lingwa tas-sinjali huma kuntenti b'dan is-servizz.
- Il-maġġoranza tal-persuni b'diżabilità huma kuntenti bis-servizzi tas-saħħa mogħtija lilhom.
- Minoranza tal-persuni b'diżabilità huma kuntenti bil-mod kif ingħataw l-aħbar dwar il-kundizzjoni tagħhom jew tat-tifel/tifla tagħhom.
- Numru qawwi ta' persuni b'diżabilità (48%) isibu diffikultà biex jagħmlu assigurazzjoni tal-ħajja.
- Il-maġġoranza tal-persuni b'diżabilità li għamlu użu mis-servizzi tal-Agenzija Sapport huma kuntenti b'dan is-servizz.
- Il-maġġoranza tal-persuni b'diżabilità li għamlu użu mis-servizz tad-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali huma kuntenti b'dan is-servizz.
- Il-maġġoranza tal-persuni b'diżabilità li għamlu użu mis-servizz tal-Awtorità tad-Djar huma kuntenti bis-servizz li jingħataw għalkemm hemm diffikultà biex imorru l-uffiċini tagħhom u jinqdew bit-telefon.
- Il-maġġoranza tal-persuni b'diżabilità li għamlu użu mis-servizz tal-KNPD huma kuntenti b'dan is-servizz.
- Il-maġġoranza tal-persuni b'diżabilità jafu bil-KNPD u saru jafu biha l-aktar permezz tal-media, l-isptar, ħbieb u membri tal-familja tagħhom.
- Il-maġġoranza tal-persuni b'diżabilità jemmnu li l-Liġi Opportunitajiet Indaqs hi għodda importanti biex huma jiksbu d-drittijiet tagħhom.

# Rakkomandazzjonijiet

1. Issir reviżjoni sħiħa tal-pensjoni tal-persuni b'diżabilità kemm fl-ammont tagħha kif ukoll fil-mod kif tingħata.
2. Il-familji ta' persuni b'diżabilità jingħataw l-għajnuna li hemm bżonn biex ikomplu jipprovdu s-sapport li qed jagħtu preżentament lill-persuni b'dizabilità.
3. Jiġu żviluppati skemi li joffru sapport lill-persuni b'diżabilità u li jkunu parzjalment finanzjati minn ħlas raġonevoli tal-klijenti stess skond il-mezzi tagħhom.
4. Jittieħdu miżuri biex jiżdied is-sapport lill-persuni b'diżabilità mill-Knisja u mis-servizzi tas-social workers.
5. Issir reviżjoni dwar l-edukazzjoni speċjali ħalli jitjieb il-livell edukattiv tal-persuni b'diżabilità u jiġi assigurat li r-rizorsi preżenti jiġu utilizzati bl-aħjar mod tali li min għandu bżonn l-aktar jieħu l-aktar.
6. Kull student b'diżabilità jkollu programm edukattiv individwali.
7. Jittieħdu inizjattivi biex jiżdiedu l-persuni b'diżabilità li jkomplu l-edukazzjoni tagħhom f'livelli għoljin.
8. Ikun hemm aktar sapport u taħriġ biex persuni b'diżabilità jidħlu fid-dinja tax-xogħol l-aktar f'oqsma mhux elementari jew dawk klerikali u li jkun jinkludi l-possibilità ta' xogħol part-time.
9. Jittieħdu inizjattivi biex jiżdiedu l-opportunitajiet biex persuni b'diżabilità jitgħallmu jużaw il-kompjuter.
10. Il-persuni b'diżabilità jingħataw sapport biex joħorġu aktar u jipparteċipaw aktar f'attivitajiet fil-komunità.
11. Il-Knisja, il-kunsilli lokali u l-għaqdiet, l-aktar dawk tal-persuni b'diżabilità nfushom, jaħdmu aktar biex tiżdied il-parteċipazzjoni tal-persuni b'diżabilità fl-attivitajiet tagħhom.
12. Il-professjonisti għandhom jingħataw aktar taħriġ kif jagħtu l-aħbar tad-diżabilità.
13. Persuni b'diżabilità jingħataw sapport biex ikollhom assigurazzjoni tal-ħajja.

# Referenzi


'Defining Disability', (The Union of the Physically Impaired Against Segregation and the Disability Alliance: Fundamental Principles of Disability, London, Union of the Physically Impaired Against Segregation, 1976)

'Ħolm, Tama, Tbatija u Fidi', Marcel Pisani f'Familjakana, Ġunju 2001. pp. 18-21

'Il-Persuni b'Diżabilità u x-Xogħol', proġett ta' riċerka mill-ETC ippreżentat f'Diċembru 2002

'Inclusive Education: Policy regarding students with a disability', Ministerial Committee on Inclusive Education (2000)

'Labour Force Survey', NSO 2003

'Survey on ICT Usage in Households 2002', NSO 2003

'The Economic Dimensions of Independent Supported Living for People with Disability', KNPD 2003



Riċerka dwar dak li l-aktar jolqot
il-persuni b'diżabilità u l-familji tagħhom

**Publikazzjoni ta'**
Kummissjoni Nazzjonali Persuni b'Diżabilità
www.knpd.org



Copyright © 2004, Malta
Kummissjoni Nazzjonali Persuni b'Diżabilità



Edituri: Anne Marie Callus, Fred Bezzina

ISBN: 99909-71-17-X